ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 315

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

2 ta' Diċembru 2009

Werrej

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/868/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2009 dwar l-għajnuna mill-Istat C 5/07 (ex N 469/05) rigward taffija ta' obbligi ta' informazzjoni imposti fuq il-kumpaniji marittimi li ddaħħlu fis-sistema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 4522)* [1] . . . . . 1

2009/869/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2009 li temenda l-Annessi XI, XII, XV u XVI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-istandards minimi ta' sigurtà applikabbli għalihom** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9094)* [1] . . . . . 8

2009/870/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9199)* [1] . . . . . 11

2009/871/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tagħti lir-Repubblika tal-Kroazja l-ġestjoni tal-għajnuna relatata mal-Komponent V – l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni 101 u 103 fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni** . . . . . 15

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

Prezz: 4 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2009/872/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Kumitat tal-Unjoni Ewropea ta' Esperti dwar il-Mard Rari** ........ 18

2009/873/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li temenda d-Deċiżjoni 2006/168/KE rigward l-elenkar tal-gruppi ta' produzzjoni approvati għall-ġbir tal-embrijuni għall-importazzjonijiet tal-embrijuni fil-Komunità** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9320)* ([1]) ........ 22

2009/874/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tikkoreġi d-Direttiva 2003/23/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl u cyazofamid bħala sustanzi attivi** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9349)* ([1]) ........ 24

2009/875/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ........ 25

2009/876/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta miżuri implimentattivi tekniċi għad-dħul tad-dejta u għall-konnessjoni tal-applikazzjonijiet, għall-aċċess, emendar, tħassir u tħassir avvanzat tad-dejta u biex jinżammu u jkun hemm aċċess għar-rekords tal-operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9402)* ........ 30

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/877/PESK tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR għar-Repubblika tas-Seychelles u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment** 35

**Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles Dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment Ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR Għar-Repubblika tas-Seychelles U għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment** ........ 37

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*Avviż lill-qarrejja (ara paġna 3 tal-qoxra)*

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-17 ta' Ġunju 2009**

**dwar l-għajnuna mill-Istat C 5/07 (ex N 469/05) rigward taffija ta' obbligi ta' informazzjoni imposti fuq il-kumpaniji marittimi li ddaħħlu fis-sistema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 4522)*

**(It-test Daniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/868/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) hawn fuq imsemmija ([1]),

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) B'ittra tat-13 ta' Settembru 2005 ([2]), id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni b'emenda għas-sistema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ, inizjalment awtorizzata bid-deċiżjoni tat-12 ta' Marzu 2002 ([3]) (Każ Nru 563/01).

(2) Din l-emenda ġiet irreġistrata bħala għajnuna notifikata taħt N 469/05. L-emenda notifikata kienet introdotta bil-Liġi Nru 408 tal-1 ta' Ġunju 2005.

(3) Permezz tal-ittri tat-28 ta' Ottubru 2005, tad-19 ta' Mejju u tad-29 ta' Awwissu 2006 ([4]), il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Daniżi biex jipprovdu aktar informazzjoni, li kienet mibgħuta fit-tweġibiet tagħhom tat-22 ta' Novembru 2005, tat-30 ta' Ġunju 2006 u tad-29 ta' Settembru 2006 ([5]).

(4) B'Deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura formali ta' investigazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-deċiżjoni tal-ftuħ"), skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE ([6]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Regolament ta' Proċedura dwar l-għajnuna mill-Istat"). B'deċiżjoni tal-4 ta' April 2007, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' rettifika li timmodifika d-deċiżjoni tal-ftuħ fuq talba tal-awtoritajiet Daniżi. Avviż li jagħti sommarju tad-deċiżjoni u l-kontenut sħiħ tal-ittra fil-lingwa uffiċjali - u fil-verżjoni kkoreġuta tagħha - ġew ippubblikati fil-ĠU C 135/6 tad-19 ta' Ġunju 2007 ([7]).

([1]) ĠU C 135, 19.6.2007, p. 6.
([2]) Reġistrata taħt ir-Referenza TREN(2005) A/23228.
([3]) It-test tad-deċiżjoni huwa disponibbli fil-lingwa uffiċjali fuq l-indirizz elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/transports-2001/n563-01.pdf Il-Kummissjoni approvat b'deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 2004 (Każ Nru 171/2004) l-estensjoni tal-lista ta' tipi ta' operazzjonijiet anċillari eliġibbli (dawk b'rabta mill-qrib ma', u direttament relatati mal-provvista ta' servizzi tat-trasport), għall-kiri ta' uffiċċji kummerċjali abbord, bħal ħwienet jew kjoskijiet, kemm jekk għal kumpaniji terzi jew għal parti indipendenti mill-kumpanija marittima u kemm għal attivitajiet eliġibbli jew mhux eliġibbli mwettqa f'dawn il-kjoskijiet. It-test ta' din it-tieni deċiżjoni huwa disponibbli fil-lingwa uffiċjali fuq l-indirizz elettroniku li ġej: http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/transports-2004/n171-04.pdf
([4]) Referenzi TREN(2005) D/122520, TREN (2006) D/209990 u D/217824.
([5]) Reġistrati taħt ir-Referenzi TREN (2005) A/29975, TREN(2006) A/26422 u A/33708.
([6]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([7]) Ara: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2007/c_135/c_13520070619en00060019.pdf

(5) F'ittra tas-7 ta' Marzu 2007 ([8]), id-Danimarka kkummentat dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Parti interessata waħda biss għamlet osservazzjonijiet fl-ittra tad-19 ta' Lulju 2007 ([9]).

## 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

### 2.1. Deskrizzjoni tal-miżura notifikata għall-iskema ta' taxxa skont it-tunnellaġġ

(6) Il-miżura notifikata kienet deskritta fid-deċiżjoni tal-ftuħ u se tiġi mfakkra f'din it-taqsima.

(7) Il-transazzjonijiet kummerċjali bejn żewġ kumpaniji li jappartjenu għall-istess grupp għandhom isiru abbażi tal-prinċipju ta' "arm's length". Skont dan il-prinċipju għandha titwettaq verifika tal-konsistenza tal-prezzijiet fit-transazzjonijiet bejn affiljati li jappartjenu lill-istess grupp ta' kumpaniji mal-prezzijiet tas-suq. Sabiex tippermetti lill-amministrazzjoni fiskali tivverifika li dan il-prinċipju jiġi sodisfatt, il-kumpaniji għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar it-transazzjonijiet kummerċjali li jagħmlu ma' affiljati li jappartjenu lill-istess grupp.

(8) Att Nru 408 tal-1 ta' Ġunju 2005 jeżenta lill-kumpaniji marittimi Daniżi ntaxxati skont is-sistema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ ([10]) mill-obbligu tagħhom li jipprovdu lill-awtoritajiet fiskali bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar it-transazzjonijiet finanzjarji tagħhom ma' kumpaniji barranin li jappartjenu lill-istess grupp.

(9) Iktar preċiż, l-Artikolu 1(9) tal-imsemmi Att jiddikjara li "il-paragrafi 1 sa 8 ma japplikawx lanqas għall-kumpaniji eċċ li jiddikjaraw id-dħul tagħhom taħt l-Att dwar it-Taxxa skont it-Tunnellaġġ rigward transazzjonijiet ikkontrollati ma' persuni ġuridiċi jew stabbilimenti permanenti barranin (ara paragrafu 1(2) sa (4)) fejn id-dħul akkumulat minn dawn it-transazzjonijiet għandu jiġu allokat lid-dħul suġġett għat-Taxxa skont it-Tunnellaġġ." Paragrafi 1 sa 8 li għalihom jirreferi l-Artikolu jinsabu fl-Artikolu 3B(9) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Att Konsolidat 869 tat-12 ta' Awwissu 2004, kif l-aħħar emendat mill-Artikolu 1 tal-Att 1441 tat-22 ta' Diċembru 2004). Dawn il-paragrafi huma relatati ma' żewġ obbligi ewlenin imposti fuq il-kumpaniji Daniżi kollha li joperaw fid-Danimarka, jiġifieri:

(a) li sistematikament jipprovdu flimkien mal-formola tat-taxxa fuq id-dħul informazzjoni dwar transazzjonijiet kummerċjali ma' affiljati barranin; u

(b) li jippreparaw dokumentazzjoni bil-miktub dwar kif ikunu ġew stabbiliti l-prezzijiet u l-kundizzjonijiet f'dawn it-transazzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet tat-taxxa biss fuq talba tagħhom.

(10) Tabilħaqq, l-emendi notifikati jipprovdu għall-eżenzjoni ta' kumpaniji tat-taxxa skont it-tunnellaġġ miż-żewġ obbligi tagħhom fir-rigward ta' transazzjonijiet transkonfinali, filwaqt li dawn jibqgħu fis-seħħ għal kumpaniji tat-taxxa skont it-tunnellaġġ fejn għandhom x'jaqsmu transazzjonijiet bejn entitajiet affiljati fid-Danimarka.

(11) Il-miżura notifikata għalhekk se jkollha impatt fuq il-prinċipju ta' "arm's length" imsemmi fit-Taqsima 2.11.1 tad-deċiżjoni inizjali tat-12 ta' Marzu 2002 li tapprova is-sistema ta' taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ ([11]), peress li se timmodifika l-obbligu li jiġu pprovduti informazzjoni u rekords imposti fuq il-kumpaniji li jibbenefikaw mit-taxxa skont it-tunnellaġġ fir-rigward ta' transazzjonijiet transkonfinali.

(12) L-eżenzjoni mill-obbligu li jiġu pprovduti informazzjoni u rekords tapplika speċifikatament għall-kumpaniji suġġetti għat-taxxa skont it-tunnellaġġ.

### 2.2. Deskrizzjoni tas-sistema eżistenti

(13) L-iskema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ hija deskritta fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2002 fil-Każ Nru 563/01 u tas-7 ta' Frar 2007 fil-Każ Nru 469/05. Il-karatteristiċi ewlenin tagħha qed jiġu mfakkra minn hawn 'il quddiem f'din it-taqsima.

(14) Id-dħul relatat mal-operazzjonijiet kollha eliġibbli u taxxabbli taħt l-iskema tat-taxxa jammonta għal somma ta' flus li tikkorrispondi għas-somma ta' ammonti fissi stabbiliti għal kull bastiment b'referenza għat-tunnellaġġ tiegħu, irrispettivament mill-qliegħ li sar fil-verità mill-kumpanija marittima, kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sa 1 000 TN (tunnellata netta) | DKK 7 (~EUR 0,90) għal kull 100 TN kuljum |
| 1 001 – 10 000 TN | KK 5 (~EUR 0,70) għal kull 100 TN kuljum |
| 10 001 – 25 000 TN | KK 3 (~EUR 0,40) għal kull 100 TN kuljum |
| > 25 000 TN | DKK 2 (~EUR 0,30) għal kull 100 TN kuljum |

(15) Id-dħul ikkalkulat b'dan il-mod jiġi intaxxat bir-rata ordinarja tat-taxxa fuq il-kumpaniji.

([8]) Reġistrata taħt ir-Referenza TREN(2007) A/25703.
([9]) Reġistrata taħt ir-Referenza TREN(2007) A/38091.
([10]) Deskritta aktar tard fit-Taqsima 2.2.

([11]) Ara n-nota nru 3 f'qiegħ il-paġna. Taqsima 2.11.1 tad-Deċiżjoni tispjega li d-dispożizzjonijiet dwar 'il-prinċipju ta "arms' length" fil-liġi Daniża tat-taxxa japplikaw ukoll għas-sistema tat-taxxa Daniża fuq it-skont it-tunnellaġġ.

(16) Implementata b'effett mill-1 ta' Jannar 2001, din is-sistema hija miftuħa għal kumpaniji obbligati li huma soġġetti għat-taxxa fid-Danimarka (dawk li għandhom post fiss ta' ħidma fid-Danimarka) u li jipprovdu servizzi tat-trasport marittimu. Is-sistema hija miftuħa wkoll għal kumpaniji barranin li ġew reġistrati fid-Danimarka billi jmexxu l-bażi amministrattiva tagħhom hemmhekk. Dħul li jirriżulta mill-ħidmiet tat-trasport marittimu biss jista' jaqa' taħt l-iskema.

(17) Kumpaniji tat-trasport marittimu jistgħu jagħżlu li jidħlu jew jibqgħu barra mis-sistema. L-għażla m'għandhiex issir wara s-sottomissjoni tal-prospett tat-taxxa għas-sena li fiha sar użu tat-tassazzjoni skont it-tunnellaġġ għall-ewwel darba. Id-deċiżjoni li jieħdu kumpaniji biex jidħlu jew jibqgħu barra mit-tassazzjoni skont it-tunnellaġġ hija vinkolanti għal perjodu ta' 10 snin. Fid-Danimarka, kumpaniji tat-trasport marittimu li jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji iridu jieħdu l-istess deċiżjoni rigward l-għażla dwar l-iskema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ. Meta kumpanija marittima tagħżel is-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ, il-bastimenti u l-ħidmiet tagħha kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet jaqgħu taħt din is-sistema fiskali.

(18) Skont l-aħjar għarfien tal-Kummissjoni, id-Danimarka bħalissa qed timplimenta biss skema oħra favur l-operaturi tat-trasport marittimu, apparti s-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ: dik li teżenta lis-sidien tal-bastimenti mill-ħlas tat-taxxa fuq id-dħul u l-kontribuzzjonijiet soċjali għall-baħħara tagħhom li jaħdmu abbord bastimenti eliġibbli (l-hekk imsejħa sistema DIS) [12].

## 2.3. **Tul taż-żmien**

(19) Kif imfakkar fid-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2007, l-awtoritajiet Daniżi impenjaw ruħhom permezz ta' ittra tal-14 ta' Frar 2006 li jinnotifikaw mill-ġdid il-modifika notifikata fi żmien 10 snin. Il-miżura li qed tiġi eżaminata hija għalhekk meqjusa li jiskadu fi tmiem l-2015.

## 2.4. **Baġit**

(20) Kif imfakkar fid-deċiżjoni tas-7 ta' Frar 2007, l-awtoritajiet Daniżi indikaw li din il-modifika m'għandu jkollha l-ebda impatt baġitarju fuq is-sistema eżistenti. Għajnuniet individwali mhumiex se jiġu modifikati mill-emenda prevista.

[12] Il-Każ NN 116/98 approvat mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Novembru 2002. It-test tad-deċiżjoni huwa disponibbli fil-lingwa uffiċjali fuq l-indirizz elettroniku li ġej: http://europa.eu.int/comm/secretariat_general/sgb/state_aids/transports-1998/nn116-98.pdf

## 3. **RAĠUNIJIET GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI**

(21) Fid-deċiżjoni tagħha tal-ftuħ, il-Kummissjoni qajmet żewġ preokkupazzjonijiet ewlenin fir-rigward tal-miżura notifikata.

— L-ewwel nett, għandu jiġi ddeterminat kif id-Danimarka xorta tista' tiżgura li, wara l-implimentazzjoni tal-miżura notifikata, l-awtoritajiet fiskali se jibqgħu f'pożizzjoni li jikxfu kull attentat ta' evażjoni tat-taxxa min-naħa ta' affiljati barranin ta' kumpaniji marittimi ntaxxati skont it-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ u jinformaw lill-pajjiż barrani konċernat dwar dan l-attentat. Jekk le, il-Kummissjoni staqsiet jekk pajjiżi oħra, inklużi l-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, għandhomx iġorru l-piż tal-ikkontrollar tat-transazzjonijiet internazzjonali kollha ma' kumpaniji ntaxxati skont it-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ (li ħafna minnhom x'aktarx huma kumpaniji bbażati fid-Danimarka).

— It-tieni nett, il-Kummissjoni staqsiet jekk l-inugwaljanza fit-trattament rigward l-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u reġistri, bejn benefiċjarji li jkollhom biss affiljati nazzjonali li ma jkunux eliġibbli għal taxxa skont it-tunnellaġġ u benefiċjarji li jkollhom biss affiljati barranin, tkunx tidher ukoll bħala leġittima. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ta' Matra [13], nuqqas ta' ugwaljanza ta' trattatament bħal dan tabilħaqq jista' jkollu impatt fuq il-kompatibbiltà tas-sistema.

(22) Il-Kummissjoni fakkret li l-miżuri ta' garanzija (*ring-fencing*) huma kruċjali sabiex jitħaddmu sistemi ta' taxxa skont it-tunnellaġġ strettament kif inhu xieraq.

(23) B'mod partikolari, mingħajr implimentazzjoni effettiva tal-miżura ta' garanzija involuta, setturi oħra għajr it-trasport marittimu, sew jekk fl-Istat Membru inkwistjoni jew f'pajjiżi oħra, jistgħu jibbenefikaw mill-possibbiltà li jevadu t-taxxa fuq il-kumpaniji permezz ta' transazzjonijiet kummerċjali ma' affiljat intaxxat skont is-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ tal-Istat Membru inkwistjoni.

(24) Il-Kummissjoni tħassbet ukoll minħabba l-fatt li l-alterazzjoni tal-miżura ta' garanzija kkonċernata permezz tan-notifika se twassal għal sitwazzjoni fejn attivitajiet taxxabbli f'pajjiżi oħra, u b'hekk mhux suġġetti għas-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ fid-Danimarka indebitament se jibbenefikaw minn din tal-aħħar permezz ta' transazzjonijiet bi prezzijiet inġusti ma' affiljati bbażati fid-Danimarka suġġetti għat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ.

[13] *Ara s-sentenza Matra tal-15 ta' Ġunju 1993 tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-225/91, Matra vs Il-Kummissjoni u b'mod partikolari l-punt 41: "41 Għandu jiġi osservat f'dan ir-rigward li filwaqt li l-proċedura prevista fl-Artikoli 92 u 93 tħalli diskrezzjoni wiesgħa lill-Kummissjoni, u taħt ċerti kundizzjonijiet lill-Kunsill, meta din tasal biex tieħu deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' sistema ta' għajnuna mill-Istat mal-ħtiġijiet tas-suq komuni, jidher ċar mill-iskema ġenerali tat-Trattat li dik il-proċedura m'għandha qatt tipproduċi riżultat li jkun kontra d-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat (sentenza fil-Każ Nru 73/79 Kummissjoni vs L-Italja [1980] ĠABRA 1533, paragrafu 11). Il-Qorti ddeċidiet ukoll li dawk l-aspetti ta' għajnuna li jiksru dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat, għajr l-Artikoli 92 u 93 jistgħu jkunu tant indissolubilment marbuta mal-oġġett tal-għajnuna li huwa impossibbli li jiġu evalwati separatament (is-sentenza fil-Każ Nru 74/76 Iannelli v Meroni [1977] ĠABRA 557)."*

(25) Il-Kummissjoni nnotat li l-awtoritajiet fiskali Daniżi madankollu jkunu jistgħu iżommu l-possibbiltà li jwettqu verifiki *ex post* ta' transazzjonijiet bejn il-gruppi li jinvolvu biss kumpaniji tat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ.

## 4. KUMMENTI MILL-AWTORITAJIET DANIŻI DWAR ID-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ TAL-INVESTIGAZZJONI

(26) B'ittra tal-15 ta' Marzu 2007 ([14]), l-awtoritajiet Daniżi rreaġixxew għad-deċiżjoni tal-ftuħ billi indikaw li ma kellhom l-ebda kummenti oħra x'jagħmlu u li għalhekk irreferew għat-tweġibiet li kienu taw qabel fl-ittri tat-22 ta' Novembru 2005, tat-30 ta' Ġunju 2006 u tad-29 ta' Settembru 2006.

(27) L-ittra tat-22 ta' Novembru 2005 issemmi dan li ġej: "Is-sistema notifikata mhi se tinvolvi l-ebda trasferiment ta' riżorsi Statali lill-kumpaniji benefiċjarji. Hija tnaqqis tar-rekwiżit ta' rappurtar u dokumentazzjoni li m'għandha l-ebda valur ekonomiku fiha nnifisha. Is-sistema notifikata għaldaqstant ma tinvolvi l–ebda vantaġġi addizzjonali finanzjarji jew fiskali, eċċ, meta mqabbla mas-sistemi li kienu ġew approvati qabel mill-Kummissjoni. Kumpaniji tat-trasport marittimu suġġetti għat-taxxa skont it-tunnellaġġ iridu jkunu konformi mal-prinċipju ta' "arm's length" għat-transazzjonijiet kollha tagħhom. Dan ma jinbidilx permezz tal-iskema notifikata. L-iskema tinkludi sempliċement tnaqqis fil-ħtieġa għal dokumentazzjoni ta' konformità mal-prinċipju ta' "arm's length", għal ċerti transazzjonijiet ikkontrollati."

(28) Fl-ittra tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2006, l-awtoritajiet Daniżi jindikaw li qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att 408 tal-1 ta' Ġunju 2005, l-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords japplika biss għal transazzjonijiet transkonfinali bejn l-affiljati L-Att imsemmi estenda dan l-obbligu għat-transazzjonijiet bejn kumpanija Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ u waħda mhux affiljata mat- taxxa skont it-tunnellaġġ suġġetta għat-taxxa fid-Danimarka.

(29) Fl-ittra tagħhom tad-29 ta' Settembru 2006, l-awtoritajiet Daniżi indikaw dan li ġej rigward il-kwistjoni ta' jekk il-pajjiżi barranin, inkluż l-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka, għandhomx iġorru l-piż tal-ikkontrollar tat-transazzjonijiet internazzjonali kollha ma' kumpaniji ntaxxati skont it-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ:

"l-awtoritajiet tat-taxxa ta' pajjiż għandhom id-dmir li jivverifikaw id-dikjarazzjonijiet tad-dħul ta' negozji u ta' persuni suġġetti għat-taxxa f'dak il-pajjiż. Skont impenji internazzjonali jista' wkoll ikun neċessarju li tingħata informazzjoni lil pajjiżi oħra – kemm spontanjament jew fuq talba tagħhom.

Għandha tkun fil-kompetenza tal-awtorità tat-taxxa tal-Istat Membru stess li jiddeċiedi kif għandhom jitwettqu l-kompiti ta' kontroll. Huwa ta' importanza kruċjali għall-awtoritajiet Daniżi tat-taxxa li d-dħul mit-taxxa Daniża jiġi mħares b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi disponibbli. Dan ifisser ukoll li x-xogħol ta' kontroll tagħha naturalment se jiffoka fuq entitajiet taxxabbli li ġew evalwati għar-riskju daqslikieku jistħoqqilhom monitoraġġ mill-qrib.

L-emenda proposta għas-sistema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ ma tibdilx dik il-qagħda tal-affarijiet. B'kuntrast, dan jista' jkollu effett fuq l-opportunitajiet tal-awtoritajiet fiskali Daniżi bien dawn ikunu konformi ma' talbiet għal informazzjoni mill-awtoritajiet tat-taxxa ta' pajjiżi oħra.

Meta b'mod partikolari l-ipprezzar għat-trasferiment huwa konċernat, jista' jkun diffiċli li tinkiseb l-evidenza meħtieġa wara l-fatt dwar jekk transazzjonijiet interni bejn grupp sarux bi qbil mal-prinċipju ta' "arm's length". Spiss, il-bażi għat-tqabbil li għandha tintuża għall-valutazzjoni mhijiex se tkun kompleta. Huwa għalhekk ħafna aktar faċli li jinkisbu r-rekords meħtieġa fiż-żmien meta tkun qed tiġi affettwata t-transazzjoni interna tal-grupp. Id-dmir li jiġu provduti rekords huwa inċentiv ċar fuq bażi kontinwa għall-iżgurar ta' materjal biex jappoġġja l-konklużjoni li t-transazzjonijiet interni kienu affettwati bi qbil mal-prinċipju ta' "arm's length".

L-importanza tal-emenda notifikata hija li dawk suġġetti għat-taxxa skont it-tunnellaġġ huma eżentati mill-obbligu li jipprovdu rekords jekk it-transazzjonijiet jikkonċernaw gruppi ta' kumpaniji barranin. Taħt l-eżenzjoni entitajiet bħal dawn mhux se jkunu suġġetti għall-istess ħtieġa li jiżguraw materjal fuq bażi kontinwa jew, tabilħaqq, li jappoġġjaw il-konklużjoni li t-transazzjonijiet ma' dawk il-kumpaniji fi grupp kienu affettwati bi qbil mal-prinċipju ta' "arm's length". Talba minn pajjiż ieħor biex tiġi fornuta informazzjoni tista' tiġi sodisfatta jekk jeżisti l-materjal, pereżempju kontijiet ta' kumpanija b'vawċers. Madankollu, l-awtoritajiet Daniżi tat-taxxa mhux se jkunu jeħtieġu li jiġi mħejji materjal ġdid għall-użu esklussiv tal-awtoritajiet tat-taxxa ta' pajjiż ieħor. Jekk entità taxxabbli mhijiex suġġetta għall-obbligu li tipprovdi rekords, m'għandux, pereżempju, jkun possibbli li jkun meħtieġ li dik l-entità tħejji analiżi komparattiva għall-benefiċċju ta' pajjiż ieħor. Għal dan il-punt l-eżenzjoni tista' tkun għad-detriment ta' pajjiżi oħrajn."

(30) L-istess ittra tad-29 ta' Settembru 2006 ssemmi dan li ġej rigward il-kwistjoni ta' jekk, wara l-introduzzjoni tal-miżura notifikata, il-garanzija tibqax effiċjenti kontra kull attentat ta' evażjoni tat-taxxa min-naħa tal-affiljati barranin ta' kumpaniji marittimi suġġetti għat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ:

"Biex assigurazzjoni bħal din tkun possibbli, jeħtieġ li l-entitajiet kollha responsabbli għat-taxxa skont it-tunnellaġġ mal-gruppi ta' kumpaniji barranin jiġu ċċekkjati mill-inqas kull sena u li t-transazzjonijiet kollha bejn iż-żewġ partijiet jiġu ċċekkjati f'dan ir-rigward. Madankollu, dan ikun kompletament lil hinn mir-realtà. L-awtoritajiet fiskali Daniżi huma meħtieġa li jagħtu prijorità lir-riżorsi tagħhom u jippruvaw itejbu x-xogħol tagħhom ta' kontroll.

([14]) Reġistrata taħt ir-Referenza TREN(2007)A/26997.

Ir-regoli applikabbli huma espressjoni tal-fatt li saru sforzi biex jinħoloq l-aħjar tip ta' garanzija kontra l-evażjoni tat-taxxa. L-emenda notifikata – eżenzjoni mill-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords – se ddgħajjef lil din il-garanzija xi ftit. Għalhekk saret in-notifika lill-Kummissjoni. "

(31) Permezz tal-ittra imsemmija, l-awtoritajiet Daniżi ħabbru li l-modifika se ddgħajjef xi ftit il-miżura ta' garanzija, u ma dan speċifikaw ukoll li "ftit fil-fatt ifisser biss ftit". Skont l-awtoritajiet Daniżi, "meta l-Istat Membru l-ieħor konċernat bi transazzjoni transkonfinali għandu wkoll sistema ta' taxxa skont it-tunnellaġġ, l-emenda mhi se jkollha l-ebda sinifikat. Jistgħu jinħolqu biss problemi ma' pajjiżi li ma implimentawx skema ta' taxxa skont it-tunnellaġġ bħal din. Minkejja dan, ser ikun importanti hawnhekk jekk il-pajjiż stess ikunx introduċa obbligu li jiġu provduti rekords jew li dan ma jkunx qies li huwa neċessarju li jimponi obbligu bħal dan fuq dawk li huma suġġetti għat-taxxi ta' dak il-pajjiż."

(32) Rigward il-kwistjoni ta' kif jiġi ġġustifikat trattament inugwali, fil-kuntest tal-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords, bejn kumpaniji ntaxxati skont is-sistema ta' taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ u dawk li mhumiex (imma li huma suġġetti għat-taxxa Daniża fuq il-kumpaniji), l-awtoritajiet Daniżi wieġbu li l-prospett tad-dħul speċjali, inkluż l-indisponibbiltà ta' tnaqqis, ifisser li l-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords huwa inqas rilevanti għall-persuni suġġetti għat-taxxa skont it-tunnellaġġ.

## 5. OSSERVAZZJONIJIET MILL-PARTIJIET INTERESSATI

(33) Parti interessata waħda biss, l-Assoċjazzjoni Daniża tas-sidien tal-Bastimenti, *Danmarks Rederiforening*, tat ir-reazzjoni tagħha għall-pubblikazzjoni fil-ĠU tal-avviż li ta sommarju tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(34) Permezz tal-ittra tad-19 ta' Lulju 2007 ([15]), l-Assoċjazzjoni Daniża tas-sidien tal-Bastimenti tfakkar li kumpanija tat-trasport marittimu għandha, bħal qabel, taġixxi skont il-kundizzjonijiet ta' "arm's length" kemm internament, bejn l-attività ntaxxata skont it-tunnellaġġ u l-attività ġenerali, kif ukoll esternament fir-rigward ta' kumpaniji barranin magħqudin fi gruppi. Il-kumpanija għandha tkompli wkoll tipprovdi evidenza għall-prezzijiet li jkunu qed jintużaw.

(35) L-Assoċjazzjoni Daniża tas-sidien tal-Bastimenti tenfasizza li, taħt il-miżura notifikata, il-kumpaniji mhux se jkollhom jipprovdu l-informazzjoni bil-quddiem fir-rigward ta' transazzjonijiet kummerċjali ma' affiljati barranin, imma biss meta jintalbu jagħmlu dan.

(36) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk huwiex leġittimu li kumpaniji jiġu ttrattati b'mod differenti f'termini ta' proċeduri amministrattivi, l-Assoċjazzjoni Daniża tas-sidien tal-Bastimenti tirrimarka li l-Kummissjoni żgur ma tistax tkun l-opinjoni li ċerti kumpaniji għandhom iġorru piżijiet amministrattivi żejda imposti fuqhom biss sabiex dawn jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward tal-kompetizzjoni ma' kumpaniji oħra li fir-rigward tagħhom l-awtoritajiet iħossu li l-proċeduri inkwistjoni huma neċessarji.

## 6. KUMMENTI TAD-DANIMARKA DWAR L-OSSERVAZZJONIJIET MINN PARTIJIET TERZI

(37) Id-Danimarka ma bagħtet l-ebda kummenti rigward l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Assoċjazzjoni Daniża tas-sidien tal-Bastimenti.

## 7. VALUTAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### 7.1. Eżistenza ta' għajnuna taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE

(38) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li toħloq distorsjoni jew theddid li jgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, sakemm taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri, titqies mhux kompatibbli mas-suq komuni.

(39) Permezz tal-iskema Daniża tat-taxxa skont it-tunnellaġġ l-awtoritajiet jagħtu vantaġġ, billi jnaqqsu t-taxxa fuq il-kumpaniji li dan is-settur f'sitwazzjoni oħra jkollu jħallas, permezz ta' riżorsi tal-Istat, u b'hekk jiffavorixxu ċerti impriżi peress li l-miżura hija speċifika għas-settur marittimu internazzjonali Sussidji bħal dawn jheddu li jgħawġu l-kompetizzjoni u jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li attivitajiet ta' trasport marittimu bħal dawn huma essenzjalment imwettqa fuq suq dinji.

(40) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura notifikata ma tbiddilx il-kwalifika tas-sistema bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

(41) F'dan il-kuntest, il-kwistjoni ewlenija involuta hija li għandu jiġi ddeterminat jekk il-miżura prevista timmodifikax il-valutazzjoni magħmula fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Marzu 2002 ([16]) dwar il-kompatibbiltà globali tas-sistema mas-suq komuni.

### 7.2. Kompatibbiltà tal-miżura

(42) Skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE, għajnuna biex jiġi faċilitat l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni, fejn tali għajnuna ma taffettwax il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa livell li jmur kontra l-interess komuni, u b'hekk jipprovdi bażi possibbli għal eżenzjoni mill-projbizzjoni ġenerali ta' għajnuna mill-Istat. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-miżura notifikata għandha tiġi eżaminata skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE.

([15]) Reġistrata taħt ir-Referenza TREN(2007)A/38091.

([16]) Ara n-nota 3 ta' qiegħ il-paġna.

(43) B'mod partikolari, għajnuna favur is-settur marittimu għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-linji gwida Komunitarji tal-2004 dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu ([17]) (minn hawn 'l quddiem imsejħa "il-Linji Gwida").

7.2.1. *Il-laxkar tal-miżuri ta' garanzija*

(44) Kif imfakkar fid-deċiżjoni tal-ftuħ, waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin għall-kompatibbiltà tal-iskemi ta' taxxa skont it-tunnellaġġ mas-suq komuni hija l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' garanzija (*ring-fencing*) marbuta ma' skemi bħal dawn. B'mod partikolari, din il-kundizzjoni hi riflessa mit-taqsima 3.1, l-aħħar subparagrafu tal-Linji Gwida, li tistipula li "f'każijiet fejn kumpanija tat-trasport marittimu li għandha l-bastimenti tagħha hija wkoll involuta f'attivitajiet kummerċjali oħra, se tkun meħtieġa kontabbiltà trasparenti sabiex tiġi evitata l-"ħela" f'attivitajiet mhux relatati mat-trasport marittimu".

(45) Il-miżuri ta' garanzija li huma parti integrali tal-iskema huma maħsuba sabiex jiżguraw l-ebda attività għajr li għandha x'taqsam mat-trasport marittimu, fl-Istat Membru inkwistjoni, jew fi kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ieħor, ma tibbenefika mill-iskema b'mod indirett. Jekk is-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ, kif emendata, kellha potenzjalment tirriżulta f'benefiċċji għal attivitajiet mhux marittimi mill-iskema tat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ, il-kompatibbiltà ta' din tal-aħħar tista' tiġi ddubitata.

(46) Waħda mill-miżuri ta' garanzija hija l-verifika - fuq il-bażi tal-prinċipju "arm's length" - ta' transazzjonijiet kummerċjali bejn kumpaniji suġġetti għat-taxxa skont it-tunnellaġġ u l-affiljati possibbli tagħhom (jew dik il-parti tal-kumpaniji konċernati li hija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpaniji normali), kemm jekk dawn l-affiljati jkunu intrapriżi nazzjonali u kemm jekk ikunu barranin.

(47) Tabilħaqq, anke jekk l-awtoritajiet Daniżi jqisu li rekwiżit għall-forniment ta' rappurtar u dokumentazzjoni m'għandu l-ebda valur ekonomiku minnu stess, fil-fatt dan huwa relatat ma' transazzjonijiet finanzjarji li huma ta' natura ekonomika *per se*; mingħajr implimentazzjoni effettiva tal-miżura ta' garanzija li tikkonċerna transazzjonijiet kummerċjali, setturi oħra għajr dak tat-trasport marittimu, sew jekk fl-Istat Membru inkwistjoni jew f'pajjiżi oħra, jistgħu jibbenefikaw mill-possibbiltà li jevitaw it-taxxa fuq il-kumpaniji permezz ta' transazzjonijiet kummerċjali ma' affiljat intaxxat skont is-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ tal-Istat Membru inkwistjoni, mingħajr ma dan jiġi ġġustifikat minn xi għan leġittimu ta' interess komuni.

(48) Barra minn hekk, fejn il-miżuri ta' garanzija ma jirrizultawx li huma effettivi jew huwa probabbli li ma jkunux effettivi, anki jekk parzjalment, il-Kummissjoni tqis li s-sistema tat-taxxa skont it-tunnellaġġ tista' toħloq il-possibbiltà għall-evażjoni tat-taxxa għad-detriment ta' Stati Membri oħra jew ta' pajjiżi taż-ŻEE.

(49) Għal dawn ir-raġunijiet diġà, ir-rilassament tal-miżuri ta' garanzija għandhom ikunu meqjusa bħala li jaffettwaw ħażin il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa livell li jmur kontra l-interess komuni. Is-sistema, taħt dawn iċ-ċirkostanzi, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.

7.2.2. *Id-distinzjoni bejn affiljati domestiċi u barranin*

(50) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tifhem li l-awtoritajiet Daniżi beħsiebhom ikomplu jivverfikaw – bħala parti mill-applikazzjoni tal-miżura ta' garanzija bbażata fuq il-prinċipju ta' "arm's length" - transazzjonijiet bejn żewġ kumpaniji affiljati, fejn waħda minnhom tibbenefika mit-taxxa skont it-tunnellaġġ, bħal qabel, iżda biss fil-każ li t-tnejn huma suġġetti għat-taxxa fid-Danimarka.

(51) Għaldaqstant, filwaqt li l-verifika tat-transazzjonijiet infranazzjonali ma' kumpanija suġġetta għat-taxxa skont it-tunnellaġġ se tibqa' taħt is-superviżjoni u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet fiskali Daniżi, il-verifika tat-transazzjonijiet transkonfinali bejn kumpanija suġġetta għat-taxxa skont it-tunnellaġġ fid-Danimarka u affiljat barrani għandha titħalla fir-responsabbiltà tal-pajjiż barrani konċernat li jwassal għal nuqqas ta' kontroll u sorveljanza rigward it-transazzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

(52) Jirriżulta li l-miżura notifikata timmodifika is-sistema tat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ, approvata mill-Kummissjoni fl-2002 ([18]) għall-fatt li mistennija teżenta kumpaniji tat-taxxa skont it-tunnellaġġ mir-rekwiżiti li kienu fis-seħħ fl-2002. Attivitajiet oħra għajr it-trasport marittimu eżerċitati fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż taż-ŻEE permezz ta' affiljat ma' impriża suġġetta għal taxxa skont it-tunnellaġġ fid-Danimarka, jistgħu jibbenefikaw aktar faċilment mit-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ u jevadu t-taxxa ordinarja fuq il-kumpaniji fl-Istat Membru jew fil-pajjiż konċernat taż-ŻEE. Dan huwa rikonoxxut mid-Danimarka meta tgħid li l-miżura ta' garanzija inkwistjoni se tiddgħajjef "ftit". Madankollu, għandhom jiġu applikati il-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni u t-trattament ugwali għall-kumpaniji kollha fis-settur; l-awtoritajiet Daniżi qed jassumu li l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa fi transazzjonijiet kummerċjali mhumiex komuni, madankollu, anki jekk dan huwa l-każ, jidher li huwa meħtieġ li jkun hemm kontroll biex tiġi żgurata prattika preċiża fit-transazzjonijiet internazzjonali.

(53) Il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' garanzija li tikkonċerna transazzjonijiet bejn il-gruppi għandha tipproteġi kontra d-distorsjonijiet tas-suq komuni li jirriżulta ugwalment minn vantaġġi favur il-kumpaniji affiljati fl-Istat Membru konċernat u fl-Istati Membri l-oħra. Jekk le, il-konsegwenzi tal-evażjoni tat-taxxa minn kumpanija tat-taxxa skont it-tunnellaġġ ikollhom impatt serju fuq it-tħaddim tas-suq komuni.

([17]) ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.

([18]) Ara n-nota nru 3 f'qiegħ il-paġna.

(54) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru, li jkun introduċa skema ta' taxxa skont it-tunnellaġġ, għandu jittratta transazzjonijiet transkonfinali bejn il-gruppi (transazzjonijiet transkonfinali li jistgħu jibbenefikaw minnhom kumpaniji affiljati fi kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż ieħor taż-ŻEE) daqslikieku kumpaniji bħal dawn fit-territorju tiegħu stess jibbenefikaw minn dawn it-transazzjonijiet. Fi kliem ieħor, Stat Membru, għall-iskop ta' implimentazzjoni tal-miżura ta' garanzija li tikkonċerna transazzjonijiet bejn il-gruppi, għandu japplika l-istess standards għal transazzjonijiet ta' kumpanija tat-taxxa skont it-tunnellaġġ ma' affiljat barrani li japplika għal transazzjonijiet ma' affiljat nazzjonali li mhuwiex suġġett għat-taxxa skont it-tunnellaġġ.

(55) Skont il-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni u t-trattament ugwali l-Istat Membru tat-taxxa skont it-tunnellaġġ għandu jimponi l-istess obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords, taħt il-miżura ta' garanzija inkwistjoni, fuq transazzjonijiet intranazzjonali (li jistgħu jkunu ta' detriment għal dan l-Istat Membru) u fuq transazzjonijiet transkonfinali (li jistgħu jkunu ta' detriment għall-Istati Membri jew pajjiżi oħrajn taż-ŻEE). Din l-informazzjoni hija tassew essenzjali għall-iċċekkjar ta' prezzijiet għal trasferimenti fi ħdan grupp ta' kumpaniji.

(56) Billi ttaffi l-verifiki li l-awtoritajiet Daniżi għandhom iwettqu fuq transazzjonijiet bejn kumpanija suġġetta għas-sistema ta' taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ u wieħed mill-affiljati barranin tagħha, id-Danimarka tkun qed tonqos milli tkun konformi mal-prinċipji ta' non-diskriminazzjoni u t-trattament ugwali. Permezz ta' dan, id-Danimarka tittrasferixxi għall-inqas parti mill-piż li tinvolvi l-verifika dwar jekk l-għanijiet tas-sistema qed jiġu rispettati jew le, u li d-distorsjoni possibbli konsegwenti tas-suq komuni, lill-Istat Membru l-ieħor u lill-pajjiż taż-ŻEE fejn l-affiljat mhux suġġett għat-taxxa skont it-tunnellaġġ ikkonċernat mit-transazzjoni hija ntaxxata.

(57) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura notifikata se tirriżlta f' miżura ta' garanzija dgħajfa b'mod sinifikanti minn Stat Membru jew minn pajjiż ieħor taż-ŻEE.

(58) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis l-inugwaljanza fit-trattament f'termini tal-obbligu li jiġu provduti informazzjoni u rekords, bejn benefiċjarji li għandhom biss affiljati nazzjonali li mhumiex eliġibbli għat-taxxa skont it-tunnellaġġ u benefiċjarji li għandhom ukoll affiljati barranin mhux ġustifikata. Il-miżura b'hekk toħloq distorsjoni mhux ġustifikata tal-kompetizzjoni bejn kumpaniji li għandhom affiljati barranin, u oħrajn li m'għandhomx.

(59) Bħala riżultat, l-effetti tal-miżura notifikata huma tali li jaffettwaw kundizzjonijiet tal-kummerċ sa livell li jmur kontra l-interess komuni fit-tifsira ta' Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE u ma jissodisfawx ir-rekwiżit stipulat fit-taqsima 3.1, l-aħħar subparagrafu tal-Linji Gwida. Għaldaqstant, il-miżura inkwistjoni għandha tiġi ddikjarata li mhijiex kompatibbli mas-suq komuni fit-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

### 7.3. **Konklużjoni**

(60) Biex tikkonkludi, il-Kummissjoni tqis li l-miżura notifikata twassal għal distorsjonijiet li jmorru kontra l-interess komuni fit-tifsira tal-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE u b'hekk tagħmel is-sistema tat-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ inkompatibbli mas-suq komuni fuq it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżura notifikata li tikkonsisti fit-tħassir għall-proprjetarji ta' bastimenti taxxabbli taħtit-taxxa Daniża skont it-tunnellaġġ tal-obbligu impost fuq il-kumpaniji l-oħra kollha li jipprovdu lill-awtoritajiet fiskali Daniżi b'informazzjoni kummerċjali dwar it-transazzjonijiet kummerċjali kollha li jsiru ma' affiljati barranin fuq il-bażi tal-Liġi Nru 408 tal-1 ta' Ġunju 2005 hija inkompatibbli mas-suq komuni,

Il-miżura tista' għalhekk ma tiġix implimentata.

*Artikolu 2*

Id-Danimarka għandha tinforma lill-Kummissjoni, fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri meħuda biex ikun hemm konformità magħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Viċi President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Novembru 2009

## li temenda l-Annessi XI, XII, XV u XVI tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE fir-rigward tal-lista tal-laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u l-istandards minimi ta' sigurtà applikabbli għalihom

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9094)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/869/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka d-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KE u li temenda d-Direttiva 92/46/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 67(2) u 87(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/85/KE tistipula miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer u ċerti miżuri preventivi bl-għan li jiżdiedu l-kuxjenza u t-tlestija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola għal dik il-marda.

(2) L-Artikolu 65 tad-Direttiva 2003/85/KE jistipula li l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-immaniġġjar tal-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għar-riċerka, id-dijanjożi u l-manifattura jsir biss f'laboratorji approvati elenkati fl-Anness XI u operati tal-inqas skont l-istandards tal-bijosigurtà stabbiliti fl-Anness XII ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-Parti A tal-Anness XI tad-Direttiva 2003/85/KE telenka l-laboratorji nazzjonali awtorizzati biex jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal finijiet dijanjostiċi u ta' riċerka. Il-Parti B ta' dak l-Anness telenka l-laboratorji li jimmaniġġjaw l-antiġenu tal-vajrus matul il-manifattura tal-vaċċini.

(4) Franza infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni li wieħed mil-laboratorji ta' referenza nazzjonali tagħhom u laboratorji ta' manifattura tal-vaċċin ma għadhomx jitqiesu bħala li jissodisfaw l-istandards tal-bijosigurtà stipulati fl-Artikolu 65(d) tad-Direttiva 2003/85/KE.

(5) L-Olanda infurmat uffiċjalment lill-Kummissjoni b'bidla ulterjuri fl-isem tal-laboratorju dijanjostiku nazzjonali tagħhom li huwa awtorizzat jimmaniġġja vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, u bl-akkwist mill-kumpanija privata "Lelystad Biologicals BV, Lelystad" ta' dik il-parti ta' dak li kien l-Istitut Ċentrali għall-Kontroll tal-Mard tal-Annimali (CIDC-Lelystad) li hija awtorizzata timmaniġġja l-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għall-produzzjoni tal-vaċċini.

(6) Jeħtieġ li tiġi emendata l-lista ta' laboratorji awtorizzati li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-ilsien u d-dwiefer stabbilita fl-Anness XI mad-Direttiva 2003/85/KE.

(7) Il-punt 1 tal-Anness XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE jistabbilixxi standards ta' bijosigurtà għal-laboratorji li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer. Huwa jistipula li laboratorji bħal dawn għandhom jissodisfaw jew jeċċedu ir-rekwiżiti stipulati fl-"Istandards minimi għal-Laboratorji li jaħdmu fuq il-mikrobu tal-ilsien u d-dwiefer *in vitro* u *in vivo*" stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, is-26 sessjoni, Ruma, April 1985, kif modifikat fl-1993.

(8) Il-Punt 1 tal-Anness XV tad-Direttiva 2003/85/KE jistipula li l-Laboratorji Nazzjonali kollha li jimmaniġġjaw il-vajrus ħaj tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għandhom joperaw taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-"Istandards Minimi għal-Laboratorji li jaħdmu bil-marda tal-ilsien u d-dwiefer *in vitro* u *in vivo*", il-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer — is-26 Sessjoni, Ruma 1985, kif emendata mill-Appendiċi 6(ii) tar-Rapport tat-30 Sessjoni, Ruma, 1993.

(9) Barra minn hekk, il-punt 7 tal-Anness XVI mad-Direttiva 2003/85/KE jistipula li l-Laboratorju tal-Komunità għar-Referenzi għandu jopera skont il-kundizzjonijiet rikonoxxuti ta' sigurtà stretta tal-mard bħalma hu indikat fl-"Istandards Minimi għal-Laboratorji li jaħdmu bil-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer *in vitro* u *in vivo*", il-Kummissjoni Ewropea għall-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer — is-26 Sessjoni, Ruma, April 1985, kif emendat bl-Appendiċi 6(ii) tar-rapport tat-30 Sessjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer 1993, imsemmija fl-Anness XII ta' din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1.

(10) Wara tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer fl-2007 fi Stat Membru li kien relatat mal-ħarba ta' vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer minn laboratorju, dawk "l-Istandards Minimi għal-Laboratorji li qed jaħdmu bil-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer *in vitro* u *in vivo*" ("standards ta' bijosigurtà") ġew emendati. Wara diskussjonijiet dwar l-istandards tal-bijosigurtà mal-Istati Membri fil-qafsa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, il-verżjoni emendata ta' dawk l-istandards kienet adottata fit-38 Sessjoni Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer fid-29 ta' April 2009 ([1]) u huwa inkluż fir-Rapport tat-38 Sessjoni Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer, Ruma 28-30 ta' April 2009 ("ir-Rapport"). Hija tieħu post l-istandards tal-bijosigurtà stabbiliti fl-1985, kif immodifikati fl-1993. L-Annessi XII, XV u XVI mad-Direttiva 2003/85/KE għandhom għalhekk jiġu emendati kif xieraq.

(11) Id-Direttiva 2003/85/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi XI, XII, XV u XVI mad-Direttiva 2003/85/KE għandhom jiġu emendati skont l-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) Rapport tat-38 Sessjoni Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer, Ruma 28-30 ta' April 2009, Appendiċi 10, p. 82; disponibbli f': http://www.fao.org/ag/againfo/commissions/docs/SecurityStandards_2009.pdf

*ANNESS*

L-Annessi XI, XII, XV u XVI huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness XI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-Parti A, it-test dwar Franza jinbidel b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “FR | Franza | Agence française de sécurité sanitaire des aliments (AFSSA), Laboratoire d’études et de recherches en pathologie animale et zoonoses, Maisons-Alfort | Franza” |

(b) Fil-Parti A, it-test dwar l-Olanda jinbidel b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “NL | L-Olanda | Centraal Veterinair Instituut, Lelystad (CVI-Lelystad) | L-Olanda ” |

(ċ) Fil-Parti B, għandu jitħassar it-test dwar Franza li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| “FR | Franza | Merial, S.A.S., Laboratoire IFFA, Lyon” |

(d) Fil-Parti B, it-test dwar l-Olanda jinbidel b’dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| “NL | L-Olanda | Lelystad Biologicals BV, Lelystad | L-Olanda” |

(2) Fl-Anness XII, il-punt 1 jinbidel b’dan li ġej:

“1. Il-laboratorji u l-istabbilimenti li jittrattaw il-vajrus ħaj tal-ilsien u d-dwiefer iridu joperaw tal-inqas skont l-“Istandards Minimi għal-Laboratorji li jaħdmu fuq il-vajrus tal-ilsien u d-dwiefer *in vitro* u *in vivo*” fl-Appendiċi 10 mar-Rapport adottat mit-38 Sessjoni Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kontroll tal-tal-Marda tal-Ilsien u d-Dwiefer (EuFMD) fid-29 ta’ April 2009 f’Ruma (“l-istandards tal-bijosigurtà”).”

(3) Fl-Anness XV, il-punt 1 jinbidel b’dan li ġej:

“1. Il-Laboratorji Nazzjonali Kollha li jittrattaw il-vajrus tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer iridu joperaw tal-inqas skont l-istandards tal-bijosigurtà msemmija fil-punt 1 tal-Anness XII.”

(4) Fl-Anness XVI, il-punt 7 jinbidel b’dan li ġej:

“7. Il-Laboratorju ta’ Referenza Komunitarju jrid jopera tal-inqas skont l-istandards tal-bijosigurtà msemmija fil-punt 1 tal-Anness XII.”

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-27 ta' Novembru 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9199)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/870/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 li tfassal lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u li tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi Traces [3], tistabbilixxi lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati bi qbil mad-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE. Il-lista hija stipulata fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

(2) Is-servizz ta' spezzjoni tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju (FVO) wettaq spezzjoni fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fl-ajruport ta' Kopenħagen fid-Danimarka. Ir-riżultati tal-isepzzjoni kienu sodisfaċenti. Għaldaqstant, għandu jiżdied ċentru ta' spezzjoni addizzjonali għal dak il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-lista stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(3) Wara komunikazzjonijiet mid-Danimarka, Franza, l-Italja u l-Portugall, ċerti kategoriji ta' annimali jew prodotti li joriġinaw mill-annimali li jistgħu jiġu kkontrollati f'ċerti postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li diġà huma approvati skont id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandhom jiżdiedu mal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal dawk l-Istati Membri, stabbilita fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

(4) Wara r-riżultati tal-ispezzjonijiet tal-FVO, b'konformità mad-Deċiżjoni 2009/821/KE, u l-komunikazzjonijiet minn Franza, l-Irlanda u l-Italja, ċerti kategoriji ta' annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jistgħu jiġu kkontrollati f'ċerti postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li diġà huma approvati skont id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandhom jitneħħew mil-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal dawk l-Istati Membri, stabbilita fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni.

(5) Wara komunikazzjoni mil-Latvja, il-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal dak l-Istat Membru għandha tiġi emendata biex titqies is-sospensjoni ta' wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tagħha.

(6) Wara komunikazzjonijiet mill-Belġju, il-Ġermanja u Franza, ċerti postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal dawk l-Istati Membri għandhom jitħassru mil-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera stabbilita fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

(7) Wara komunikazzjoni mill-Italja, il-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal dak l-Istat Membru għandha tiġi emendata biex titqies il-bidla fl-isem ta' wieħed mill-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tagħha.

(8) Barra minn hekk, il-Belġju ħabbar li ngħalqet il-faċilità OCHZ fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera f'Zeebrugge u twaqqfet faċilità ta' spezzjoni ġdida.

(9) Id-Deċiżjoni 2009/821/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[3] ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2009/821/KE hu emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) Il-parti li tikkonċerna l-Belġju hi emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-port f'Oostende qiegħda titħassar;

(b) l-annotazzjoni għall-port f'Zeebrugge hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Zeebrugge | BE ZEE 1 | P | | HC(2), NHC(2)" | |

(2) Il-parti li tikkonċerna d-Danimarka hi emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-ajruport f'Kopenħagen hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "København | DK CPH 4 | A | Centre 1, SAS 1 (North) | HC(1)(2), NHC (*) | |
| | | | Centre 2, SAS 2 (East) | HC (*), NHC(2) | |
| | | | Centre 3 | | U, E, O |
| | | | Centre 4 | HC(2)" | |

(b) l-annotazzjoni għall-port fi Skagen hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Skagen | DK SKA 1 | P | | HC-(FR)(1)(2)(3), NHC(6)" | |

(3) Fil-parti li tikkonċerna l-Ġermanja, l-annotazzjonijiet għall-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera f'Kiel, Lübeck u Rügen qegħdin jitħassru.

(4) Il-parti li tikkonċerna l-Irlanda hi emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-ajruport f'Dublin hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Dublin Airport | IE DUB 4 | A | | | E" |

(b) l-annotazzjoni għall-ajruport f'Shannon hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Shannon | IE SNN 4 | A | | HC(2), NHC(2) | U, E" |

(5) Il-parti li tikkonċerna lil Franza hi emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-port f'Concarneau–Douarnenez qiegħda titħassar;

(b) l-annotazzjoni għall-ajruport fi Roissy Charles–de–Gaulle hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Roissy Charles-de-Gaulle | FR CDG 4 | A | Air France | HC-T(1),<br>HC-NT,<br>NHC-NT | |
| | | | France Handling | HC-T(1),<br>HC-NT,<br>NHC | |
| | | | Station animalière | | E, O(14)" |

(c) l-annotazzjoni għall-ajruport f'Vatry hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Vatry | FR VRY 4 | A | | HC-T(CH)(1)(2), NHC-NT(2)" | |

6) Il-parti li tikkonċerna l-Italja hi emendata kif ġej:

(a) l-annotazzjoni għall-port f'Civitavecchia hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Civitavecchia | IT CVV 1 | P | | HC(2), NHC(2)" | |

(b) l-annotazzjoni għall-port f'Gioia Tauro hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Gioia Tauro | IT GIT 1 | P | | HC(2),<br>NHC-NT(2)" | |

(c) l-annotazzjoni għall-port f'Vado Ligure Savona hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Vado Ligure Savona | IT VDL 1 | P | | HC(2),NHC-NT(2)" | |

(7) Fil-parti li tikkonċerna l-Latvja, l-annotazzjoni għall-port f'Riga (it-Terminal ta' Baltmarine) hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Riga (Baltmarine Terminal) (*) | LV BTM 1 | P | | HC-T(FR)(2) (*)" | |

(8) Fil-parti li tikkonċerna l-Portugall, l-annotazzjoni għall-ajruport f'Liżbona hi sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "Lisboa | PT LIS 4 | A | | HC(2),<br>NHC-NT(2) | O" |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li tagħti lir-Repubblika tal-Kroazja l-ġestjoni tal-għajnuna relatata mal-Komponent V – l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) għall-miżuri ta' qabel l-adeżjoni 101 u 103 fil-perjodu ta' qabel l-adeżjoni

(2009/871/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 tat-12 ta' Ġunju 2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi strument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA) ([2]) u b'mod partikolari l-Artikoli 18 u 186 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem imsejjaħ: "ir-Regolament Finanzjarju") ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53c u 56(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem imsejjaħ: ir-Regoli Implimentattivi) ([4]) u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) jistabbilixxi l-għanijiet u l-prinċipji ewlenin għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali għall-perjodu mill-2007 sal-2013 u jagħti r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni.

(2) L-Artikoli 11, 12, 13, 14, 18 u 186 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 jagħtu lill-Kummissjoni l-possibbiltà li tagħti s-setgħat ta' ġestjoni lill-pajjiż benefiċjarju u jiddefinixxu r-rekwiżiti għat-tali għoti relatat mal-Komponent V - l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni

(3) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007, il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju għandhom jikkonkludu ftehim ta' qafas, sabiex jistabbilixxu u jaqblu dwar ir-regoli għall-kooperazzjoni firrigward tal-assistenza finanzjarja tal-KE lill-pajjiż benefiċjarju. Fejn meħtieġ, il-ftehim ta' qafas jista' jiġi kkumplimentat bi ftehim settorjali, jew ftehimiet settorjali, li jkopri/u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-komponenti.

(4) Biex jingħataw is-setgħat ta' ġestjoni lill-pajjiż benefiċjarju, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53c u 56(2) tar-Regolament Finanzjarju u fl-Artikolu 35 tar-Regolamenti Implimentattivi.

(5) Il-Ftehim ta' Qafas dwar ir-regoli għall-kooperazzjoni rigward l-assistenza finanzjarja tal-KE lir-Repubblika tal-Kroazja fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-assistenza skont l-istrument ta' assistenza qabel l-adeżjoni (IPA) bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, ġie konkluż fis-17 ta' Diċembru 2007.

(6) Il-Programm għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika tal-Kroazja skont l-IPA (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Programm IPARD"), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008)690 tal-25 ta' Frar 2008, skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1085/2006, u l-Artikolu 184 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007, inkluda pjan għall-kontribuzzjonijiet Komunitarji annwali kif ukoll l-ftehim ta' finanzjament.

(7) Il-Ftehim Settorjali konkluż fit-12 ta' Jannar 2009 bejn il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea, li taġixxi għal u f'isem il-Komunità Ewropea, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, li jaġixxi f'isem il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja, jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Qafas, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-Programm IPARD għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika tal-Kroazja skont l-istrument ta' assistenza qabel l-adeżjoni (IPA).

(8) Il-Programm IPARD ġie emendat l-aħħar fl-10 ta' Settembru 2009 bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009)6770.

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.
([2]) ĠU L 170, 29.6.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

(9) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 718/2007, il-pajjiż benefiċjarju għandu jaħtar entitajiet u awtoritajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Programm IPARD: l-Uffiċjal Kompetenti tal-Akkreditazzjoni, l-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti, il-Fond Nazzjonali, l-Awtorità ta' Ġestjoni, l-Aġenzija IPARD u l-Awtorità ta' Verifika.

(10) Il-Gvern tal-Kroazja ħatar is-Settur Nazzjonali tal-Fond, unità organizzattiva tat-Teżor Statali fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, li jaġixxi bħala l-Fond Nazzjonali, li se jwettaq il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kif definiti fl-Anness I għall-Ftehim Settorjali.

(11) Il-Gvern tal-Kroazja ħatar id-Direttorat għall-Appoġġ Strutturali u tas-Suq fl-Agrikoltura, unità organizzattiva fil-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Iżvilupp Rurali, biex jaġixxi bħala l-Aġenzija IPARD, li se jwettaq il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kif definiti fl-Anness I għall-Ftehim Settorjali.

(12) Il-Gvern tal-Kroazja ħatar id-Direttorat għall-Iżvilupp Rurali, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm Sapard/IPARD, fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Iżvilupp Rurali, biex jaġixxi bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni, li se jwettaq il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet kif definiti fl-Anness I għall-Ftehim Settorjali.

(13) Fit-12 ta' Novembru 2008, l-Uffiċjal Kompetenti tal-Akkreditazzjoni nnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-akkreditazzjoni tal-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti u l-Fond Nazzjonali skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007.

(14) Fit-12 ta' Novembru 2008, l-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti nnotifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-akkreditazzjoni tal-istruttura operattiva responsabbli mill-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Komponent V IPA - l-Iżvilupp Rurali, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007.

(15) Id-Direttorat għall-Appoġġ Strutturali u tas-Suq fl-Agrikoltura, li jaġixxi bħala l-Aġenzija IPARD, u d-Direttorat għall-Iżvilupp Rurali, l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm Sapard/IPARD, li jaġixxi bħala l-Awtorità ta' Ġestjoni, se jkunu responsabbli mill-implimentazzjoni tat-tliet miżuri akkreditati mill-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti minn sebgħa mill-Programm IPARD: 101 "Investimenti f'azjendi agrikoli biex jirristrutturaw u jaġġornaw għall-istandards Komunitarji", 103 "Investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u tas-sajd biex jirristrutturaw dawn l-attivitajiet u jaġġornaw għall-istandards Komunitarji" u 301 "Titjib u żvilupp ta' infrastruttura rurali" kif definit fil-Programm.

(16) Fis-16 ta' Marzu 2009, l-Awtoritajiet Kroati ressqu lill-Kummissjoni l-lista ta' nefqa eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 32(3) tal-Ftehim Settorjali. Il-Kummissjoni approvat din il-lista fit-8 ta' April 2009.

(17) Sabiex jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tal-Artikolu 19(1) tal-Ftehim ta' Qafas, in-nefqa skont din id-Deċiżjoni għandha tkun eliġibbli biss għall-kofinanzjament Komunitarju jekk ma titħallasx qabel id-data tad-deċiżjoni ta' konferiment, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż ġenerali msemmija fl-Artikolu 172 (3c) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007. In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk tkun skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u b'mod partikolari, skont il-prinċipji ekonomiċi u dawk effettivi f'termini ta' nfiq.

(18) Ir-Regolament (KE) Nru 718/2007 jipprovdi li r-rekwiżit ta' approvazzjoni ex-ante msemmi fl-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 jista' jiġi rinunzjat abbażi ta' analiżi ta' kull każ waħdu ta' tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll konċernata u jipprovdi għar-regoli dettaljati sabiex issir l-analiżi msemmija.

(19) Skont l-Artikoli 14 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007, l-akkreditazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 ġew riveduti; u l-proċeduri u l-istrutturi tal-entitajiet u l-awtoritajiet konċernati, kif stabbiliti fl-applikazzjoni mressqa mill-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti, ġew eżaminati, anke b'verifiki fuq il-post.

(20) Madankollu, il-verifiki li saru mill-Kummissjoni għall-miżura 101 "Investimenti f'azjendi agrikoli biex jirristrutturaw u jaġġornaw għall-istandards Komunitarji" u l-miżura 103 "Investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u tas-sajd biex jirristrutturaw dawn l-attivitajiet u jaġġornawhom għall-istandards Komunitarji" huma bbażati fuq sistema li hija operattiva, iżda li għadha mhux qed topera, fir-rigward tal-elementi rilevanti kollha.

(21) Għalkemm l-Awtorità ta' Verifika ma tagħmilx parti minn din id-Deċiżjoni, il-livell ta' tlestija tagħha biex topera bħala entità ta' verifika li taħdem indipendentament sa żmien it-tressiq tal-pakkett dwar l-akkreditazzjoni għall-għoti tal-ġestjoni lill-Kummissjoni, ġie evalwat b'verifiki fuq il-post.

(22) Il-konformità tal-Kroazja mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 ġiet ivvalutata b'verifiki fuq il-post.

(23) Il-valutazzjoni wriet li l-Kroazja tikkonforma mar-rekwiżiti għall-miżuri 101 u 103. Madankollu, id-Direttorat għall-Appoġġ Strutturali u tas-Suq fl-Agrikoltura, li jaġixxi bħala l-Aġenzija IPARD, għadu ma implimentax sewwa l-kriterji ta' akkreditazzjoni għall-funzjonijiet li jrid jagħmel fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-miżura 301 tal-Programm għall-Kroazja.

(24) Għalhekk, huwa xieraq li jiġu rinunzjati r-rekwiżiti ta' approvazzjoni ex ante msemmija fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007 u l-Artikolu 165 tar-Regolament Finanzjarju u li l-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti, il-Fond Nazzjonali, l-Aġenzija IPARD u l-Awtorità ta' Ġestjoni jingħataw is-setgħat ta' ġestjoni relatati mal-miżuri 101 u 103 tal-Programm għall-Kroazja fuq bażi deċentralizzata,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

(1) Il-ġestjoni tal-assistenza pprovduta skont l-IPA – il-Komponent V f'dak li għandu x'jaqsam mal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali għall-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) tingħata lill-entitajiet konċernati, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

(2) Ir-rekwiżit għall-approvazzjoni ex ante mill-Kummissjoni għall-funzjonijiet ta' ġestjoni, ta' ħlas u ta' implimentazzjoni għall-miżura 101 "Investimenti f'azjendi agrikoli biex jirristrutturaw u jaġġornaw għall-istandards Komunitarji" u l-miżura 103 "Investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u tas-sajd biex jirristrutturaw dawn l-attivitajiet u jaġġornaw għall-istandards Komunitarji" mir-Repubblika tal-Kroazja fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007, qed jiġi rinunzjat hawnhekk.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika abbażi tal-istrutturi, l-entitajiet u l-awtoritajiet li ġejjin maħtura mir-Repubblika tal-Kroazja għall-ġestjoni tal-miżuri 101 u 103 tal-Programm ipprovdut skont l-IPA – il-Komponent V:

(a) l-Uffiċjal Nazzjonali Awtorizzanti;

(b) il-Fond Nazzjonali;

(ċ) l-Istruttura Operattiva għall-IPA – il-Komponent V:

— l-Awtorità ta' Ġestjoni;

— l-Aġenija IPARD.

*Artikolu 3*

(1) Is-setgħat ta' ġestjoni jingħataw lill-istrutturi, l-entitajiet u l-awtoritajiet kif speċifikat fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

(2) L-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikomplu jagħmlu iktar verifiki fir-rigward tal-istrutturi, l-entitajiet u l-awtoritajiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, sabiex jiżguraw li s-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll topera b'mod sodisfaċenti. Il-verifiki għandhom isiru qabel it-tressiq tal-ewwel Dikjarazzjoni tan-Nefqa li titlob rimbors relatat mal-miżuri mniżżla fl-Artikolu 1(2) ta' hawn fuq.

*Artikolu 4*

(1) In-nefqa mħallsa qabel id-data ta' din id-Deċiżjoni ma għandha fl-ebda każ tkun eliġibbli għall-eċċezzjoni tal-ispejjeż ġenerali msemmija fl-Artikolu 172 (3c) tar-Regolament (KE) Nru 718/2007.

(2) In-nefqa għandha tkun eliġibbli jekk tkun skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u b'mod partikolari, skont il-prinċipji ekonomiċi u dawk effettivi f'termini ta' nfiq.

*Artikolu 5*

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni li tagħti għajnuna skont il-Programm IPARD għal benefiċjarji individwali, ir-regoli għall-eliġibilità tan-nefqa proposta mill-Kroazja bl-ittra Nru "Klassi: NP 018-04/09-01/106, Numru ta' referenza: 525-12-3-0472/09-2" tas-16 ta' Marzu 2009 u rreġistrata fil-Kummissjoni fis-26 ta' Marzu 2009 bin-Nru 8151, għandha tapplika.

*Artikolu 6*

(1) Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti għall-għoti tas-setgħat ta' ġestjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 718/2007.

(2) Fi kwalunkwe ħin matul l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-obbligi tar-Repubblika tal-Kroazja skont din id-Deċiżjoni ma għadhomx jintlaħqu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirtira jew tissospendi l-għoti tas-setgħat ta' ġestjoni.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta’ Novembru 2009

## li tistabbilixxi Kumitat tal-Unjoni Ewropea ta’ Esperti dwar il-Mard Rari

(2009/872/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 152 tiegħu,

Billi:

(1) Il-White Paper tal-Kummissjoni “Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013” ([1]) adottat mill-Kummissjoni fit-23 ta’ Ottubru 2007, li jiżviluppa l-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE, identifika l-mard rari bħala prijorità għall-azzjoni.

(2) B’mod parallel, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tat-23 ta’ Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta’ azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013). ([2]) Skont l-Artikolu 7.2, kif ukoll l-anness ta’ din id-Deċiżjoni, l-azzjonijiet fil-qasam tal-ġenerazzjoni u t-tixrid ta’ informazzjoni tas-saħħa u l-għarfien għandhom jiġu implimentati f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri b’mod li jiġu żviluppati mekkaniżmi ta’ konsultazzjoni u proċessi parteċipatorji.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea adottat fil-11 ta’ Novembru 2008, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Mard Rari: “L-isfidi Ewropej” ([3]) (minn hawn ‘il quddiem imsejjħa “il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni”) u fit-8 ta’ Ġunju 2009, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Azzjoni fil-qasam tal-Mard Rari ([4]) (minn hawn ’il quddiem imsejjħa “r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill”).

(4) Il-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta’ mard rari jeħtieġu kooperazzjoni mill-qrib mal-korpi speċjalizzati fl-Istati Membri u mal-partijiet interessati.

(5) Għalhekk, il-qafas huwa meħtieġ għall-iskop ta’ konsultazzjonijiet regolari ma’ dawk il-korpi, mal-maniġers tal-proġetti appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea fl-oqsma tar-riċerka u l-azzjoni tas-saħħa pubblika u ma’ partijiet interessati relevanti oħra li joperaw fil-qasam.

(6) Din il-ħtieġa għal qafas kienet riflessa fil-Komunikazzjoni COM(2008) 679 finali dwar il-Mard Rari. Il-Punt 7 tal-Komunikazzjoni rakkomandat li l-Kummissjoni tkun assistita mill-Unjoni Ewropea Kumitat Konsultattiv dwar il-Mard Rari.

(7) Il-Kumitat m’għandux jaġixxi bħala Kumitat skont it-tifsira tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) 1999/468/KE tat-28 ta’ Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta’ implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([5]),

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hawnhekk tistabbilixxi Kumitat ta’ Esperti dwar il-Mard Rari, minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Kumitat”.

*Artikolu 2*

(1) Il-Kumitat li jaġixxi fl-interess pubbliku għandu jassisti lill-Kummissjoni biex tifformula u timplimenta l-attivitajiet tal-Komunità fil-qasam ta’ mard rari, u għandu jinkoraġġixxi skambju ta’ esperjenza rilevanti, politiki u prattiki bejn l-Istati Membri u l-partijiet varji involuti.

(2) Il-kompiti tal-Kumitat m’għandhomx jinkludu kwistjonijiet koperti bir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru, 1999 fuq prodotti mediċinali orfni ([6]) u kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-kompiti tal-Kumitat ta’ Prodotti Mediċinali Orfni (COMP), stabbilit bl-Artikolu 4 ta’ dak ir-Regolament, u lanqas kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompiti tal-Kumitat Farmaċewtiku, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 75/320/KEE ([7]).

(3) Biex jilħaq l-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kumitat għandu:

(a) jassisti lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ, evalwazzjoni u tixrid tar-riżultati tal-miżuri meħuda fuq livell Komunitarju u nazzjonali fil-qasam tal-mard rari;

(b) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet Komunitarji fil-qasam, b’mod partikolari billi janalizza r-riżultati u jissuġġerixxi titjib għall-miżuri meħuda;

([1]) COM(2007) 630 finali, 23.10.2007.
([2]) ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
([3]) COM(2008) 679 finali, 11.11.2008.
([4]) ĠU C 151, 3.7.2009, p. 7.
([5]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([6]) ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1.
([7]) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 23.

(c) jikkontribwixxi għat-tħejjija ta' rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill;

(d) jagħti opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew jissottometti rapporti lill-Kummissjoni jew fuq talba ta' dan tal-aħħar jew fuq inizjattiva tiegħu stess;

(e) jassisti lill-Kummissjoni fil-koperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet relatati ma' mard rari;

(f) jgħin lill-Kummissjoni fit-tfassil tal-linji gwida, rakkomandazzjonijiet u kull azzjoni oħra definita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill;

(g) jipprovdi rapport annwali tal-attivitajiet tiegħu lill-Kummissjoni.

(4) Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura bi ftehim mal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

(1) Il-Kumitat għandu jkun fih 51 membru u s-sostituti korrispondenti, jiġifieri:

(a) rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru mill-ministeri jew aġenziji tal-gvern responsabbli għall-mard rari; ir-rappreżentant għandu jinħatar mill-Gvern ta' kull Stat Membru;

(b) erba' rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tal-pazjenti;

(c) erba' rappreżentanti tal-industrija farmaċewtika;

(d) disa' rappreżentanti tal-proġetti li għaddejjin bħalissa u/jew dawk tal-passat tal-Komunità fil-qasam ta' mard rari iffinanzjati mill-programmi ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa ([1]), inklużi tliet membri tal-Netwerks Ewropej ta' Referenza pilota dwar il-mard rari;

(e) sitt rappreżentanti tal-inizjattivi li għaddejjin bħalissa u/jew proġetti ta' mard rari fil-passat iffinanzjati mill-Programmi tal-Qafas tal-Komunità għar-Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku ([2]);

(f) rappreżentant taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), li l-mandat tiegħu, stabbilit skont ir-Regolament (KE) 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni tal-mard u l-kontroll ([3]), jinkludi l-attivitajiet fuq mard rari infettuż emerġenti.

Fuq talba tal-gvernijiet tal-istati kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li testendi l-kompożizzjoni tal-Kumitat b'rappreżentant għal kull wieħed mill-Istati EFTA li huma parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, mill-ministeru jew aġenzija tal-gvern responsabbli għal mard rari u maħtura mill-gvern tal-Istat ikkonċernat.

(2) Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) kif ukoll il-President jew il-Viċi-President tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni (COMP) jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Kumitat.

(3) Ir-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u professjonali u assoċjazzjonijiet oħra li jaġixxu fil-qasam ta' mard rari li jagħmlu talbiet debitament sostanzjati lill-Kummissjoni jistgħu jingħataw status ta' osservatur.

(4) Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri tal-Kumitat fi qbil ma' gruppi minn b) sa e) tal-paragrafu 1 minn lista ta' kandidati eleġibbli stabbiliti wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal wirjiet ta' interess f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq il-websajt tal-Kummissjoni. Is-sejħa għal wirjiet ta' interess għandha tispeċifika l-kwalifiki meħtieġa u l-kundizzjonijiet biex wieħed isir membru tal-Kumitat. Il-membri kollha tal-Kumitat għandhom jimpenjaw irwieħhom biex jaġixxu fl-interess pubbliku.

(5) Il-membri tal-Kumitat fi qbil mal-Gruppi b) sa e) għandhom jintrabtu li jaġixxu b'mod indipendenti. Dawn m'huma taħt l-ebda setgħa ta' direzzjoni mill-korp tagħhom ta' oriġini meta jwettqu l-kompiti tagħhom bħala membri tal-Kumitat.

*Artikolu 4*

Iż-żmien tal-kariga tal-membri tal-Kumitat għandu jkun ta' tliet snin u jista' jiġġedded. Dawn għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm jitbiddlu.

Iż-żmien tal-kariga ta' membru għandu jintemm qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet snin fil-każ tar-riżenja tagħha/tiegħu, tat-terminazzjoni tas-sħubija tagħha/tiegħu fl-organizzazzjoni li hi/hu jirrappreżenta, inkapaċità permanenti għall-attendenza tal-laqgħat, inkapaċità fil-kontribuzzjoni b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-kumitat, nuqqas ta' rispett lejn il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 287 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew fil-każ ta' nuqqas sussegwenti ta' konformità mal-kwalifiki u l-kondizzjonijiet speċifikati fis-sejħa għal-wiri ta' interess. Iż-żmien ta' kariga ta' xi membru jista' jintemm ukoll jekk l-organizzazzjoni li nnominatu titlob li jinbidel.

Il-membri li l-mandat tagħhom jintemm qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tliet snin jistgħu jiġu sostitwiti għall-perjodu li jifdal tal-mandat tagħhom.

([1]) ĠU L 155, 22.6.1999, p. 1; ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1; ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
([2]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

*Artikolu 5*

(1) Il-Kumitat għandu jeleġġi president u tliet viċi-presidenti, b'mandat ta' uffiċċju li jtul għal sena, minn kategoriji differenti tal-membri tal-Kumitat, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. Il-viċi-presidenti għandhom jaġixxu flok il-president fl-assenza tiegħu.

(2) Il-president u l-viċi-presidenti flimkien mar-rappreżentant tal-Kummissjoni għandhom jikkostitwixxu l-Uffiċċju tal-Kumitat, li għandu jipprepara x-xogħol tal-Kumitat.

(3) Is-Segretarjat tal-Kumitat għandu jiġi provdut mill-Kummissjoni. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat għandhom jiġu mfassla mill-Kummissjoni.

*Artikolu 6*

L-uffiċċju tal-Kumitat jista' jistieden kull persuna li tkun speċjalment kwalifikata f'xi suġġett partikulari fuq l-aġenda biex tieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat bħala espert estern.

L-esperti esterni għandhom jieħdu sehem biss fix-xogħol fuq is-suġġett partikolari li għalih l-attendenza tagħhom tintalab.

*Artikolu 7*

(1) Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma temporanji. Dawn il-gruppi jistgħu jiġu stabbiliti b'mod partikolari meta ħidma ta' natura temporanja jew ad hoc tkun meħtieġa bħal preparazzjoni ta' proposti xjentifika fuq suġġett speċifiku, jew it-thejjija ta' tweġibiet għal mistoqsijiet speċifiċi mqajma mill-Kumitat fir-rigward ta' oqsma xjentifiċi speċifiċi.

(2) Il-gruppi ta' ħidma jikkonsistu minn esperti esterni magħżula skont l-għarfien speċifiku tagħhom.

(3) Il-Kumitat għandu jadotta mandat għal kull grupp ta' ħidma, waqt li jindika l-għanijiet tiegħu, il-kompożizzjoni, il-frekwenza tal-laqgħa u t-tul tal-attività tiegħu.

(4) Għall-preparazzjoni tal-opinjonijiet tiegħu, il-Kumitat jista' jafda rapporteur, li jista' jkun wieħed mill-membri tiegħu stess jew espert estern, bil-kompitu li jfassal rapporti skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

(5) Wieħed jew aktar membri tal-Kumitat jistgħu jiġu nominati mill-Kumitat biex jipparteċipaw bħala osservaturi fl-attivitajiet tal-gruppi ta' esperti oħra tal-Kummissjoni.

*Artikolu 8*

Ma jkun hemm ebda ħlas għad-dmirijiet tal-membru; spejjeż tal-ivvjaġġar u ta' kuljum għall-laqgħat tal-Kumitat u tal-gruppi ta' xogħol stabbiliti skont l-Artikolu 7 għandhom jithallsu mill-Kummissjoni skont ir-regoli amministrattivi li jkun hemm fis-seħħ.

Il-miżuri adottati skont l-Artikoli 6 u 7 li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji għall-bilanċ tal-Komunitajiet Ewropej għandhom jingħataw qabel għall-qbil tal-Kummissjoni u għandhom jkunu mplimentati skont ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 9*

Il-Kumitat għandu jitlaqqa mill-Kummissjoni u għandu jiltaqa' fil-bini tagħha. Għandu jiltaqa' għallinqas tlett darbiet fis-sena.

*Artikolu 10*

(1) Il-quorum meħtieġ għall-adozzjoni ta' opinjonijiet, rapporti jew rakkomandazzjonijiet mill-Kumitat għandu jintlaħaq meta żewġ terzi tal-membri totali tal-Kumitat huma preżenti.

(2) Kull meta possibbli, l-opinjonijiet xjentifiċi, rapporti jew rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għandhom jittieħdu b' kunsens. Jekk tali kunsens ma jkunx jista' jintlaħaq, l-opinjoni għandha tiġi adottata b'maġġoranza tal-membri tal-Kumitat li jkunu preżenti.

(3) Il-Kummissjoni, meta titlob l-opinjoni tal-Kumitat jew rakkomandazzjoni, tista' tiffissa ż-żmien li fih l-opinjoni għandha tingħata.

(4) L-opinjonijiet espressi mid-diversi kategoriji rrappreżentati fil-Kumitat huma rreġistrati fil-minuti, li jintbagħtu lill-Kummissjoni. Meta l-opinjoni mitluba tkun intlaħqet b'mod unanimu mill-Kumitat, dan għandu jabbozza konklużjonijiet komuni li jkunu annessi mal-minuti.

(5) Abbozzi ta' opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet jistgħu, wara l-approvazzjoni tal-President, jiġu sottomessi mis-Segretarjat lill-Kumitat għall-adozzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub li għandha tiġi stabbilita fir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat. Madankollu, il-proċeduri bil-miktub għandhom ikunu, kemm jista' jkun, ristrett għal miżuri urġenti meħtieġa li għandhom jittieħdu bejn il-laqgħat skedati.

*Artikolu 11*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 287 tat-Trattat, il-membri tal-Kumitat m'għandhomx ikunu mitluba jiżvelaw informazzjoni miksuba fil-kors tax-xogħol tagħhom fuq il-Kumitat jew is-sotto-gruppi jew gruppi ta' ħidma tiegħu meta jiġu infurmati mill-Kummissjoni li l-opinjoni mitluba jew mistoqsija magħmula jkollha x'taqsam ma' kwistjoni kunfidenzjali.

F'dawn il-każijiet, il-membri tal-Kumitat u r-rappreżentanti tad-dipartimenti tal-Kummissjoni biss għandhom jattendu l-laqgħat.

*Artikolu 12*

Dan il-Kumitat se jissostitwixxi l-attwali Task Force tal-Unjoni Ewropea rigward il-Mard Rari stabbilita abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/192/KE tal-25 ta' Frar 2004 li adottat l-pjan ta' ħidma għall-2004 għall-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika (mill-2003 sal-2008), inkluż il-programm annwali ta' ħidma għall-għotjiet ([1]).

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 60, 27.2.2004, p. 58.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li temenda d-Deċiżjoni 2006/168/KE rigward l-elenkar tal-gruppi ta' produzzjoni approvati għall-ġbir tal-embrijuni għall-importazzjonijiet tal-embrijuni fil-Komunità

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9320)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/873/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1) u 9(1)(b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/556/KEE tfassal il-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni friski u ffriżati ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE tal-4 ta' Jannar 2006 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini [2], tistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini li jkunu nġabru jew ġew prodotti f'pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni minn gruppi approvati għall-ġbir u l-produzzjoni tal-embrijuni mniżżla fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/452/KEE tat-30 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi lista ta' gruppi approvati għall-ġbir ta' embrijoni f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijoni ta' bovini lejn il-Komunità [3].

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/155/KE tal-14 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi lista ta' gruppi approvati għall-ġbir ta' embrijuni f'pajjiżi terzi għall-esportazzjoni ta' embrijuni ta' bovini lejn il-Komunità [4] rrevokat u ssostitwiet id-Deċiżjoni 92/452/KEE. Id-Deċiżjoni 2008/155/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jimpurtaw l-embrijuni minn pajjiżi terzi biss jekk dawn ikunu nġabru, ġew ipproċessati u ġew maħżuna minn gruppi għall-ġbir u gruppi ta' produzzjoni mniżżla fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li tissimplifika l-proċeduri tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif fl-oqsma veterinarji u żootekniċi u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE, 77/504/KEE, 88/407/KEE, 88/661/KEE, 89/361/KEE, 89/556/KEE, 90/426/KEE, 90/427/KEE, 90/428/KEE, 90/429/KEE, 90/539/KEE, 91/68/KEE, 91/496/KEE, 92/35/KEE, 92/65/KEE, 92/66/KEE, 92/119/KEE, 94/28/KE, 2000/75/KE, id-Deċiżjoni 2000/258/KE u d-Direttivi 2001/89/KE, 2002/60/KE, u 2005/94/KE [5] emendaw id-Direttiva 89/556/KEE u introduċew proċedura ssimplifikata tal-elenkar u tal-pubblikazzjoni tal-lista tal-gruppi għall-ġbir u tal-produzzjoni f'pajjiżi terzi approvati għall-importazzjonijiet ta' embrijuni bovini fil-Komunità. Skont il-proċedura l-ġdida, li għandha tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni ma tibqax ikollha l-kompetenza li tikkompila l-lista. Il-lista tal-gruppi tal-ġbir u tal-produzzjoni li jkun approva l-pajjiż terz skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 89/556/KEE, u li minnhom jistgħu jintbagħtu l-embrijuni fil-Komunità, tkun biss mogħtija lill-Kummissjoni li għandha tpoġġiha għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għall-informazzjoni tagħhom.

(5) Bħala konsegwenza tal-proċedura l-ġdida mdaħħla bid-Direttiva 2008/73/KE, id-Deċiżjoni 2008/155/KE tkun tapplika sal-31 ta' Diċembru 2009.

(6) Id-Deċiżjoni 2006/168/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1.
[2] ĠU L 57, 28.2.2006, p. 19.
[3] ĠU L 250, 29.8.1992, p. 40.
[4] ĠU L 50, 23.2.2008, p. 51.
[5] ĠU L 219, 14.8.2008, p. 40.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/168/KE hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

**Il-kundizzjonijiet ġenerali għall-importazzjoni ta' embrijuni**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina ("embrijuni") miġbura jew prodotti f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I għal din id-Deċiżjoni minn gruppi approvati għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/556/KEE."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li tikkoreġi d-Direttiva 2003/23/KE li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi imazamox, oxasulfuron, ethoxysulfuron, foramsulfuron, oxadiargyl u cyazofamid bħala sustanzi attivi

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9349)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/874/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/23/KE ([2]) fiha żball fir-rigward tal-purità minima tas-sustanza attiva oxasulfuron. Dak l-iżball għandu jiġi kkorreġut.

(2) Il-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni hija skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Anness tad-Direttiva 2003/23/KE, fir-ringiela li tikkonċerna l-oxasulfuron, fir-raba' kolonna (purità), il-kliem "960 g/kg" jinbidlu bil-kliem "930 g/kg".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

([2]) ĠU L 81, 28.3.2003, p. 39.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li tadotta deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2009/875/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ([2]),

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, f'isem il-Komunità, jekk għandhiex tippermetti l-importazzjoni fil-Komunità ta' kull sustanza kimika soġġetta għall-proċedura tal-Kunsens Infurmat bil-Quddiem (il-PIC), jew le.

(2) Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (l-UNEP) u l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ikel u l-Agrikoltura (l-FAO) inħatru sabiex jipprovdu s-servizzi ta' segretarjat għat-tħaddim tal-proċedura tal-PIC stabbilita bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura tal-kunsens infurmat bil-quddiem għal ċerti sustanzi kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Rotterdam", approvata mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE ([3]).

(3) Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi bħala awtorità maħtura komuni, jeħtieġ li tibgħat deċiżjonijiet dwar l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura tal-PIC lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

(4) Il-grupp tas-sustanzi kimiċi komposti tat-tributyltin żdied mal-proċedura tal-PIC, bħala pestiċidi, bid-deċiżjoni RC.4/5 tar-raba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet u li għaliha l-Kummissjoni rċeviet tagħrif mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam fil-forma ta' dokument ta' gwida dwar id-deċiżjoni. Il-komposti tat-tributyltin jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u jagħmlu parti minn dawk il-komposti organostanniċi li huma ristretti b'mod sever għall-użu bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet li jaġixxu bħala sustanzi bijoċidali.

(5) Is-sustanza attiva bis(tributyltin) oxide taqa' fl-ambitu tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali ([4]). Il-bis(tributyltin) oxide jagħmel parti mill-grupp tal-komposti tat-tributyltin u kien jintuża bħala preservattiv tal-injam sakemm dan l-użu li kien għad baqa' ġie pprojbit bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1048/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2032/2003 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' xogħol ta' 10 snin li jissemma fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti bijoċidali ([5]).

(6) Għandha tittieħed deċiżjoni finali dwar l-importazzjoni tal-komposti tat-tributyltin skont dan,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

### *Artikolu 1*

Id-deċiżjoni finali dwar l-importazzjoni tal-komposti tat-tributyltin kif stabbilita fil-formola għat-tweġiba dwar l-importazzjoni fl-Anness għandha tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23.
([4]) ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
([5]) ĠU L 178, 9.7.2005, p. 1.

*ANNESS*

**FORMOLA GĦAT-TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Pajjiż** | Il-Komunità Ewropea<br>(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Ungerija, l-Iżvezja) |

TAQSIMA 1 L-IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 **Isem komuni**

Komposti tat-tributyltin (TBT) ([1]) inklużi: tributyltin oxide; tributyltin benzoate; tributyltin chloride; tributyltin fluoride; tributyltin linoleate; tributyltin methacrylate; tributyltin naphthenate.

1.2 **Numru tas-CAS**

Tributyltin: 56-35-9

Tributyltin benzoate: 4342-36-3

Tributyltin chloride: 1461-22-9

Tributyltin fluoride: 1983-10-4

Tributyltin linoleate: 24124-25-2

Tributyltin methacrylate: 2155-70-6

Tributyltin naphthenate: 85409-17-2

1.3 **Kategorija**

☒ Pestiċida

☐ Industrijali

☐ Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR IT-TWEĠIBA PREĊEDENTI, JEKK KIEN HEMM

2.1 ☒ Din hija l-ewwel darba li qed tintbagħat tweġiba dwar l-importazzjoni għal din is-sustanza kimika fil-pajjiż.

2.2 ☐ Din hija modifika ta' tweġiba preċedenti.

Data tal-ħruġ tat-tweġiba preċedenti: ..............................

TAQSIMA 3 TWEĠIBA DWAR L-IMPORTAZZJONI FUTURA

☒ Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 ta' hawn taħt) JEW ☐ Tweġiba interim (Imla t-taqsima 5 ta' hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, SKONT MIŻURI NAZZJONALI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI

4.1 ☒ L-ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☒ Iva ☐ Le

([1]) "TBT" tintuża f'dan id-dokument biex tirrappreżenta d-derivati kollha tat-tributyltin (jew il-komposti), minħabba li l-forma attiva hija l-istess għall-komposti kollha.

4.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

4.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni soġġett biss għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

| |
|---|
| |

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

4.4 Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

It-tqegħid fis-suq jew l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-komposti tat-tributyltin huma pprojbiti minħabba li dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1) u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 tal-20 ta' Novembru 2002 li jestendi t-terminu msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' xi sustanzi attivi fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi (ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3).

It-tqegħid fis-suq jew l-użu tal-prodotti bijoċidali li fihom il-komposti tat-tributyltin huma pprojbiti minħabba li dawn is-sustanzi attivi mhumiex inklużi fl-Anness I għad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1) u skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1451/2007 tal-4 ta' Diċembru 2007 dwar it-tieni fażi tal-programm ta' ħidma ta' 10 snin imsemmi fl-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq ta' prodotti bijoċidali (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 3).

Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq jew l-użu tal-komposti organostanniċi kollha għat-trattament tal-ilmijiet industrijali huma pprojbiti skont il-punt 20 tal-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

---

TAQSIMA 5 TWEĠIBA INTERIM

5.1 ☐ L-ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika mis-sorsi kollha hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija pprojbita simultanjament? ☐ Iva ☐ Le

5.2 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni

5.3 ☐ Il-kunsens għall-importazzjoni soġġett biss għal kundizzjonijiet speċifikati

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

| |
|---|
| |

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha tal-importazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? ☐ Iva ☐ Le

5.4 Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Hemm deċiżjoni finali taħt kunsiderazzjoni attiva? ☐ Iva ☐ Le

5.5 Tagħrif jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali li ġej mis-Segretarjat:

| |
|---|
| |

Qed jintalab it-tagħrif addizzjonali li ġej mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

| |
|---|
| |

Qed tintalab l-għajnuna li ġejja mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

| |
|---|
| |

---

TAQSIMA 6 TAGĦRIF ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI JISTA' JINKLUDI:

Din is-sustanza kimika attwalment hija rreġistrata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Din is-sustanza kimika hija mmanifatturata fil-pajjiż? ☐ Iva ☐ Le

Jekk weġibt iva għal kwalunkwe minn dawn il-mistoqsijiet:

Din is-sustanza hija maħsuba għall-użu domestiku? ☐ Iva ☐ Le

Din is-sustanza hija maħsuba għall-esportazzjoni? ☐ Iva ☐ Le

Rimarki oħra

| |
|---|
| Skont id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE, il-komposti tat-tributyltin huma kklassifikati bħala: |
| T (tossiċi): R25 – tossiċi jekk jinbelgħu; R48/23/25 – tossiċi, periklu li jagħmlu ħsara ta' natura serja minn esponiment fit-tul jekk jiġu inalati u jekk jinbelgħu; |
| N (perikolużi għall-ambjent): R50/53 – tossiċi ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, jistgħu jikkawżaw effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku; |
| Xn (jagħmlu l-ħsara) R21 – jagħmlu l-ħsara jekk jiġu f'kuntatt mal-ġilda; |
| Xi (irritanti): R36/38 – irritanti għall-għajnejn u l-ġilda. |

| TAQSIMA 7 | L-AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA |
|---|---|
| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ tal-Ambjent |
| L-indirizz | BU 9 6/167, 1049 Brussell, Il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Is-Sur Paul Speight |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Deputat Kap tal-Unità |
| Nru tat-telefown | 32 2 296 41 35 |
| Nru tal-feks | 32 2 296 76 16 |
| Indirizz elettroniku | Paul.Speight@ec.europa.eu |

Data, firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u siġill uffiċjali: ..........................................................................................

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT LURA L-FORMOLA MIMLIJA LIL:

| | | |
|---|---|---|
| Secretariat for the Rotterdam Convention<br>Food and Agriculture Organization<br>of the United Nations (FAO)<br>Viale delle Terme di Caracalla<br>00100 Rome, Italy<br>Nru tat-tel. (+ 39 06) 5705 3441<br>Nru tal-feks: (+ 39 06) 5705 6347<br><br>Indirizz elettroniku: pic@pic.int | JEW | Secretariat for the Rotterdam Convention<br>United Nations Environment<br>Programme (UNEP)<br>11-13, Chemin des Anémones<br>CH – 1219 Châtelaine, Geneva, Switzerland<br>Nru tat-tel. (+ 41 22) 917 8177<br>Nru tal-feks: (+ 41 22) 917 8082<br><br>Indirizz elettroniku: pic@pic.int |

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2009

## li tadotta miżuri implimentattivi tekniċi għad-dħul tad-dejta u għall-konnessjoni tal-applikazzjonijiet, għall-aċċess, emendar, tħassir u tħassir avvanzat tad-dejta u biex jinżammu u jkun hemm aċċess għar-rekords tal-operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 9402)*

**(It-testi fl-ilsien Bulgaru, Ċek, Olandiż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż biss huma awtentiċi)**

(2009/876/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 rigward is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) [1], u b'mod partikulari l-Artikoli 45(2)(a) sa (d) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) [2] waqqfet il-VIS bħala sistema għall-iskambju tad-dejta tal-viża bejn l-Istati Membri u tat mandat lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-VIS.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 jiddefenixxi l-iskop, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet għall-VIS u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-iskambju tad-dejta tal-viża bejn l-Istati Membri biex jiffaċilita l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-viża u deċiżjonijiet relatati.

(3) L-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 jipprevedi li l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika tal-VIS Ċentrali, l-*interfaces* nazzjonali u l-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn il-VIS ċentrali u l-*interfaces* nazzjonali, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 49(2).

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/377/KE [3] tistabbilixxi l-miżuri għall-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/756/KE [4] tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reżoluzzjoni u l-użu tal-marki tas-swaba' għall-identifikazzjoni u l-verifika bijometrika fil-VIS.

(5) Skont l-Artikolu 45(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika tal-VIS, f'relazzjoni mal-proċeduri għad-dħul tad-dejta u għall-konnessjoni tal-applikazzjonijiet, għall-aċċess, emendar, tħassir u tħassir avvanzat tad-dejta u biex jinżammu u jkun hemm aċċess tar-rekords ta' operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta għandhom jiġu adottati.

(6) Għandu jiġi adottat kunċett tekniku ta' pussess biex jiġi żgurat li d-dejta fi ħdan il-VIS tinżamm biss mill-awtoritajiet tal-viża tal-Istati Membri responsabbli għad-dħul tad-dejta fil-VIS.

(7) Il-miżuri stabbiliti bid-Deċiżjoni preżenti għall-implimentazzjoni teknika tal-VIS għandhom jitkomplew bl-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi Dettaljati u bid-Dokument tal-Kontroll tal-*Interface* tal-VIS.

(8) Skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 767/2008 u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Madankollu, billi dak ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll, innotifikat b'ittra tat-13 ta' Ottubru 2008 it-traspożizzjoni ta' dan l-*acquis* fil-liġi nazzjonali tagħha. Għalhekk, hija marbuta taħt il-liġi internazzjonali biex timplimenta din id-Deċiżjoni.

(9) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [5], ir-Renju Unit ma ħax sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u mhux marbut bih jew suġġett għall-applikazzjoni tiegħu għaliex dan jikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għaldaqstant, ir-Renju Unit mhux destinatarju ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.
[2] ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5.
[3] ĠU L 117, 12.5.2009, p. 3.
[4] ĠU L 270, 15.10.2009, p. 14.
[5] ĠU L 131,1.6.2000, p. 43.

(10) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi disposizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [1], l-Irlanda ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu għaliex dan jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għaldaqstant, l-Irlanda mhix destinatarja ta' din id-Deċiżjoni.

(11) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa relatat miegħu b'xi mod ieħor fit-tifsira tal-Artikolu 3(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003 u tal-Artikolu 4(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

(12) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* [2] ta' Schengen, li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen [3].

(13) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/146/KE [4] dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim għan-nom tal-Komunità Ewropea.

(14) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fiż-żona msemmija fl-Artikolu 1, punt B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE [5] dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Protokoll.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [6],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni teknika tal-VIS, f'relazzjoni mal-proċeduri għad-dħul tad-dejta għall-applikanti tal-viża u għall-konnessjoni tal-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-VIS, għall-aċċess, emendar, tħassir u tħassir avvanzat tad-dejta skont l-Artikoli 23 sa 25 tar-Regolament VIS u biex jinżammu u jkun hemm aċċess tar-rekords ta' operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta skont l-Artikolu 34 tar-Regolament VIS għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika tal-Bulgarija, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblika tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika tas-Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja u lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President*

---

[1] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[3] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[4] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
[5] ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.
[6] ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.

*ANNESS*

## 1. KUNĊETT TEKNIKU TA' PUSSESS

Kunċett tekniku ta' pussess għandu japplika għar-relazzjoni bejn l-Istati Membri responsabbli biex idaħħlu d-dejta fil-VIS u din id-dejta.

Il-pussess għandu jiġi implimentat billi tinhemeż l-identifikazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mad-dejta li tiddaħħal fil-fajl għall-applikazzjoni tal-viża.

Il-pussess tal-applikazzjoni tal-viża u ta' deċiżjonijiet relatati meħuda mill-awtoritajiet tal-viża għandhom jiġu reġistrati fil-VIS mal-ħolqien tal-fajl tal-applikazzjoni jew mad-dħul tad-deċiżjoni relatata fil-VIS u wara ma jistgħux jiġu mibdula.

## 2. DĦUL TAD-DEJTA U KONNESSJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

### 2.1. Id-dħul tad-dejta mal-applikazzjoni

F'każijiet fejn issir applikazzjoni f'awtorità ta' Stat Membru li tirrappreżenta Stat Membru ieħor, id-dħul tad-dejta fil-VIS u l-komunikazzjoni sussegwenti rigward il-fajl tal-applikazzjoni għandha tinkludi l-identifikazzjoni tal-Istat Membru rappreżentat, li għandha tiġi merfugħa bħala attribut ta' "Utent rappreżentat", meħuda mill-istess tabella tal-kodiċi tal-Istat Membru li jdaħħal id-dejta fil-VIS.

Il-fajls kollha tal-applikazzjoni konnessi skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament VIS għandu jkollhom il-pussess tal-istess Stat Membru.

Meta Stat Membru jikkopja l-marki tas-swaba' minn fajl tal-applikazzjoni reġistrat fil-VIS, huwa jkollu pussess tal-fajl il-ġdid tal-applikazzjoni fejn jiġu kkopjati l-marki tas-swaba'.

### 2.2. Id-dħul tad-dejta wara li ssir l-applikazzjoni

F'każijiet fejn id-deċiżjonijiet biex tinħareġ viża, biex titwaqqaf l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, biex tiġi rifjutata viża, biex titħassar jew tiġi revokata jew biex jitqassar il-perjodu ta' validità jew biex tiġi estiża l-viża f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament VIS, jittieħdu minn Stat Membru li jirrappreżenta Stat Membru ieħor, il-komunikazzjoni għad-dħul tad-dejta fil-VIS għandha tinkludi l-identifikazzjoni tal-Istat Membru rappreżentat, meħud mill-istess tabella tal-kodiċi tal-Istat Membru li jdaħħal id-dejta fil-VIS.

Id-deċiżjonijiet biex tinħareġ viża, biex tiġi estiża viża permezz ta' tikketta ġdida tal-viża u biex jitqassar il-perjodu ta' validità tal-viża b'tikketta ġdida tal-viża għandhom jiddaħħlu fil-VIS flimkien mad-dejta tat-tikketta tal-viża u mal-istess pussessur.

In-numru ta' tikketti tal-viża li jiddaħħal fil-VIS skont l-Artikolu 10(1)(e) tar-Regolament VIS għandu jkun, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 856/2008 ([1]), kombinazzjoni ta' numru nazzjonali b'disa' numri tat-tikketta tal-viża u kodiċi ta' tliet ittri ta' identifikazzjoni tal-Istat Membru ([2]) li joħroġ il-viża u għandu jinkludi kull żero preċedenti sad-disa' numri tan-numru nazzjonali tat-tikketta tal-viża.

### 2.3. Konnessjoni tal-applikazzjonijiet

#### 2.3.1. *Konnessjoni tal-applikazzjonijiet jekk l-applikazzjoni preċedenti tkun ġiet irreġistrata*

Huwa biss l-Istat Membru li għandu l-pussess tal-fajl tal-applikazzjoni li jista' jitħalla jagħmel konnessjoni ma' fajl ieħor jew fajls oħra tal-istess applikant jew, għall-finijiet tal-korrezzjoni jneħħi l-konnessjoni, skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament tal-VIS.

Il-marki tas-swaba' ta' applikant għandhom jiġu kkuppjati biss fil-perjodu ta' 59 xahar, mill-fajls konnessi tiegħu jew tagħha. Fil-każ li d-dejta tal-marki tas-swaba' ta' applikazzjoni tiġi kkuppjata minn fajl tal-applikazzjoni preċedenti li mhux eqdem minn 59 xahar, il-konnessjoni bejn il-fajls tal-applikazzjoni m'għandhiex titneħħa.

#### 2.3.2. *Konnessjoni tal-applikazzjonijiet ta' persuni li jivvjaġġjaw flimkien*

Sabiex jiġu konnessi fajls tal-applikazzjoni ta' persuni li qed jivvjaġġaw flimkien, skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament VIS, in-numri tal-applikazzjoni għandhom jiġu trażmessi fil-VIS flimkien mat-tip adatt ta' valur tal-grupp, li jkun jew ta' familja jew ta' vjaġġaturi. Il-ħolqien ta' grupp, jew għall-fini ta' korrezzjoni, it-tneħħija tal-konnessjoni bejn il-membri individwali tal-grupp, tista' titwettaq biss mill-Istat Membru li jkollu pussess tal-fajl tal-applikazzjoni(jiet) tal-applikanti individwali fi ħdan il-grupp.

([1]) ĠU L 235, 2.9.2008, p. 1.
([2]) Eċċezzjoni għall-Ġermanja: Il-kodiċi tal-pajjiż għall-Ġermanja huwa "D".

2.4. **Proċeduri meta dejta partikolari ma jkunx meħtieġ li tiġi pprovduta għal raġunijiet legali jew bħala fatt ma tistax tiġi pprovduta.**

Skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament VIS għandu jitniżżel "mhux applikabbli" fl-ispazju manwalment jew, meta possibbli, billi jintgħażel il-valur mit-tabella tal-kodiċi. Jekk l-ispazju tad-dejta jkunx jikkonsisti f'aktar minn element wieħed, dan għandu jitniżżel għal kull wieħed minnhom.

F'każ li l-marki tas-swaba' m'humiex meħtieġa jew ma jistgħux jiġu pprovduti, skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament VIS, żewġ *Boolean fields* għandhom jiġu implimentati fil-VIS:

— "marki tas-swaba' Mhux Meħtieġa";

— "marki tas-swaba' Mhux Applikabbli".

Dawn l-ispazji għandhom isiru skont it-tabella t'hawn taħt li tindika tliet sitwazzjonijiet possibbli:

— il-marki tas-swaba' iridu jiġu pprovduti;

— il-marki tas-swaba' m'hemmx bżonn jiġu pprovduti għal raġunijiet legali;

— il-marki tas-swaba' bħala fatt ma jistgħux jiġu pprovduti.

| Spazju fil-VIS | Il-marki tas-swaba' jridu jiġu pprovduti | Il-marki tas-swaba' m'hemmx bżonn jiġu pprovduti għal raġunijiet legali | Il-marki tas-swaba' bħala fatt ma jistgħux jiġu pprovduti |
|---|---|---|---|
| "marki tas-swaba' Mhux Meħtieġa" | MHUX VERA | VERA | MHUX VERA |
| "marki tas-swaba' Mhux Applikabbli" | MHUX VERA | VERA | VERA |

Barra minn hekk, l-ispazju liberu għall-kliem "Raġuni 'l għala l-Marki tas-Swaba' Mhux Applikabbli" għandu juri r-raġuni 'l għala.

Meta Stat Membru jittrażmetti biss id-dejta msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tar-Regolament VIS, skont l-Artikolu 48(3), in-nuqqas ta' dejta msemmija fl-Artikolu 5(1)(c) għandha tiġi indikata billi jiddaħħal il-kumment "mhux applikabbli", kumplimentat b'referenza għall-Artikolu 48(3) tar-regolament VIS fl-ispazju liberu għall-kliem li jindika li d-dejta mhix meħtieġa li tiġi pprovduta għal raġunijiet legali. L-ispazji relevanti għandhom jitniżżlu bħala "marki tas-swaba' Mhux Meħtieġa" VERA u "marki tas-swaba' Mhux Applikabbli" VERA.

3. **AĊĊESS GĦAD-DEJTA**

Id-dejta tal-applikazzjoni għall-ażil għandha tintuża f'konnessjoni mat-tiftix u l-irkupru tad-dejta għall-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 21(20 tar-Regolament VIS. Barra minn hekk, l-irkupru tal-applikazzjonijiet, li ġew konnessi flimkien skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament VIS, għandu jkun possibbli biss għal gruppi tat-tip familja (mara u raġel u/jew tfal) imsemmija fit-taqsima 2.3.2.

4. **EMENDAR, TĦASSIR U TĦASSIR AVVANZAT TAD-DEJTA SKONT L-ARTIKOLU 24 TAR-REGOLAMENT VIS**

Id-dejta reġistrata fil-VIS segwenti ma tistax tiġi modifikata:

— in-numru tal-applikazzjoni;

— in-numru tat-tikketta tal-viża;

— it-tip ta' deċiżjoni;

— l-Istat Membru rappreżentat (jekk applikabbli);

— l-Istat Membru responsabbli għad-dħul tad-dejta fil-VIS.

Jekk id-dejta msemmija hawn fuq ikollha tiġi korretta, il-fajl tal-applikazzjoni jew id-dejta relatata mad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet tal-viża għandhom jitħassru u jinħoloq wieħed ġdid. Huwa biss l-Istat Membru li jkollu pussess tad-dejta li hemm fil-fajl tal-applikazzjoni li jista' jħassru.

## 5. IŻ-ŻAMMA U L-AĊĊESS GĦAR-REKORDS TA' OPERAZZJONIJIET GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-DEJTA

### 5.1. Iż-żamma tar-rekords ta' operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta

Kull operazzjoni għall-ipproċessar tad-dejta fi ħdan il-VIS għandha tiġi rreġistrata bħala reġistrazzjoni fl-ispazju "Tip Ta' Azzjoni" inkluż l-għan tal-aċċess skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament VIS.

Il-reġistrazzjoni tad-dħul għandha tiġi rreġistrata bil-ħin tal-mument li tasal. Dan il-ħin għandu jiġi użat aktar tard biex jidentifika r-reġistrazzjonijiet li jridu jitħassru.

Għall-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar tad-dejta, l-awtorità li ddaħħal jew li tirkupra d-dejta għandha tiġi reġistrata. L-utent u l-VIS ċentrali għandhom jiġu speċifikati fir-reġistrazzjoni jew bħala li bagħtu jew li rċevew id-dejta.

Ebda dejta operazzjonali oħra ħlief l-awtorità li ddaħħal jew li tirkupra d-dejta u n-numru tal-applikazzjoni tal-viża m'għandhom jiġu inklużi fir-reġistrazzjoni. It-tip ta' dejta trażmessa jew użata għall-interrogazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(1) tar-Regolament VIS għandha tinħażen.

Meta rekords imsemmija fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament VIS, li jkollhom spazju "Tip ta' Azzjoni" ssettjat għal "Tħassir tal-Applikazzjoni" jew "Tħassir Awtormatiku" jinstabu mill-VIS, hija għandha tikkalkula li għaddiet sena minn mindu skada l-perjodu taż-żamma msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament VIS u mbagħad tipproċedi bit-tħassir. Ir-rekords kollha tal-operazzjonijeiet tal-ipproċessar tad-dejta li jkollhom l-istess numru tal-applikazzjoni għandhom jitħassru flimkien, jekk mhux meħtieġa għall-għanijiet tal-monitoraġġ tal-protezzjoni tad-dejta, skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-VIS.

Rekords tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta la għandhom jiġu modifikati u lanqas imħassra qabel sena minn mindu jiskadi l-perjodu tal-ħażna msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament VIS.

### 5.2. Aċċess għar-rekords tal-operazzjonijiet għall-ipproċessar tad-dejta

L-aċċess għar-rekords (*logs*) miżmuma mill-Awtorità ta' Ġestjoni skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament VIS għandu jkun ristrett għall-amministraturi awtorizzati tal-VIS u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika għall-aċċess tar-rekords *mutatis mutandis*.

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/877/PESK

**tat-23 ta' Ottubru 2009**

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR għar-Repubblika tas-Seychelles u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 1816 (2008) li titlob lill-Istati kollha sabiex jikkooperaw fid-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni, u fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' persuni responsabbli għall-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi fil-baħar 'il barra mix-xtut tas-Somalja. Dawk id-dispożizzjonijiet ġew riaffermati bir-Riżoluzzjoni 1846 (2008) tal-KSNU, adottata fit-2 ta' Diċembru 2008.

(2) Fl-10 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([1]) (operazzjoni "Atalanta").

(3) L-Artikolu 12 tal-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK jipprevedi li persuni li wettqu, jew li hemm suspett li wettqu atti ta' piraterija jew ta' serq bl-użu tal-armi li jinqabdu fl-ilmijiet territorjali tas-Somalja, kif ukoll il-propjetà li tkun intużat biex jitwettqu dawn l-atti, jistgħu jiġu trasferiti fi Stat terz li jixtieq jeżerċita l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq il-persuni u l-proprjetà imsemmijin hawn fuq, dment li l-kondizzjonijiet għat-trasferiment kienu maqbula ma' dak l-Istat terz b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali rilevanti, notevolment il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, sabiex jiġi garantit b'mod partikolari li ħadd ma jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għal tortura jew għal kwalunkwe trattament krudili, inuman jew degradanti.

(4) F'konformità mal-Artikolu 24 tat-Trattat, il-Presidenza, megħjuna mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli (SG/RGħ), innegozjat Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tas-Seychelles dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR għar-Repubblika tas-Seychelles u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment.

(5) L-Iskambju ta' Ittri għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod proviżorju, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR għar-Repubblika tas-Seychelles u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Iskambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna/i awtorizzata/i biex tiffirma/jiffirmaw l-ittra kkonċernata f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

L-Iskambju ta' Ittri għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu, sad-dħul fis-seħħ tiegħu.

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. BILLSTRÖM

TRADUZZJONI

**Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles Dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment Ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR Għar-Repubblika tas-Seychelles U għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment**

A. *Ittra mir-Repubblika tas-Seychelles*

Eċċellenza,

Qed issir referenza għas-sessjoni ta' ħidma li saret fis-Seychelles fit-18 u d-19 ta' Awwissu 2009 biex jiġu diskussi l-Ftehimiet tal-UE dwar il-Piraterija u s-Serq bl-Armi li kienet tinvolvi l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-UE, tal-membri tal-Kumitat ta' Livell Għoli tas-Seychelles u ta' istituzzjonijiet oħra relatati u għall-ittra sussegwenti tagħna tal-21 ta' Awwissu 2009.

Matul is-sessjoni ta' ħidma, ġie ppreżentat it-tħassib tal-istituzzjonijiet relatati differenti dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati. Fil-prinċipju l-Gwida għat-trasferiment ta' pirati Suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekkwestrata lejn is-Seychelles, imħejjija mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika tas-Seychelles, li hi maħsuba biex ikun żgurat li kwalunkwe trasferiment ta' persuni suspettati b'atti ta' piraterija jew serq bl-armi jsir skont il-liġijiet tas-Seychelles ġiet approvata. Inqabel ukoll li l-Arranġamenti Implimentattivi (li jiċċara l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Trasferiment propost) seta' jsir qbil dwarhom wara li jkun iffinalizzat il-Ftehim ta' Trasferiment propost u li titħejja Gwida komuni dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekwestrata. Barra minn hekk, li r-Repubblika tas-Seychelles ser tingħata l-għajnuna meħtieġa għad-detenzjoni, iż-żamma, l-investigazzjoni, il-proċess ta' prosekuzzjoni u r-ripatrijazzjoni tal-pirati suspettati u l-ħallelin armati.

Wara s-sessjoni ta' ħidma u l-ittra tagħna, saru aktar diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Livell Għoli dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati lejn it-territorju tar-Repubblika tas-Seychelles.

Il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jixtieq jieħu din l-opportunità biex iġedded l-assigurazzjoni tiegħu lill-UE tal-impenn tiegħu li jikkoopera bis-sħiħ, filwaqt li jqis il-kapaċitajiet tar-riżorsi u tal-infrastruttura disponibbli tiegħu, fit-trażżin tal-piraterija biex jiġi aċċettat it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati maqbudin.

Fl-istess waqt, il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jixtieq jesprimi x-xewqa tiegħu li l-UE SOFA jiġi ffirmat peress li qed ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim ta' Trasferiment tal-UE propost.

Fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin u sakemm jiġi konkluż arranġament reċiprokament aċċettabbli bejn l-UE u l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles dwar it-trasferiment ta' pirati u ħallelin armati lejn it-territorju tiegħu, il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jista' jawtorizza lill-EUNAVFOR biex tittrasferixxi pirati suspettati u ħallelin armati maqbudin matul l-operazzjonijiet tagħha fiż-żona ekonomika esklussiva, fil-baħar territorjali, fl-ilmijiet arċipelaġiċi u fl-ilmijiet interni tar-Repubblika tas-Seychelles. Din l-awtorizzazzjoni hija estiża għall-protezzjoni ta' bastimenti bil-bandiera tas-Seychelles u ta' ċittadini tas-Seychelles fuq bastimenti bil-bandiera mhux tas-Seychelles lil hinn mil-limitu msemmi hawn fuq u f'ċirkostanzi oħra fl-ibħra miftuħin għad-diskrezzjoni tar-Repubblika tas-Seychelles;

Dejjem dment li

— L-UE, konxja mill-kapaċitajiet limitati tar-Repubblika tas-Seychelles biex taċċetta, tipproċessa, iżżomm arrestati u titfa' l-ħabs pirati u ħallelin armati u b'kont meħud tal-aċċettazzjoni mir-Repubblika tas-Seychelles tat-trasferiment ta' kwalunkwe pirata suspettat u ħalliel armat lejn it-territorju tagħha, għandha tagħti lir-Repubblika tas-Seychelles l-għajnuna kollha finanzjarja, ta' riżorsi umani, materjali, loġistika u infrastrutturali għad-detenzjoni, iż-żamma fil-ħabs, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, l-ipproċessar u r-ripatrijazzjoni ta' pirati suspettati jew ikkundannati u ta' ħallelin armat;

— L-Avukat Ġenerali għandu jkollu mill-inqas għaxart (10) ijiem mid-data tat-trasferiment tal- pirati suspettati jew tal-ħallelin armati biex jiddeċiedi dwar is-suffiċjenza tal-evidenza disponibbli fid-dawl tal-prosekuzzjoni;

— Fil-każ li l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li hemm evidenza insuffiċjenti għall-prosekuzzjoni, l-EUNAVFOR għandha tieħu r-responsabbiltà sħiħa, inklużi l-ispejjeż finanzjarji tat-trasferiment tal-pirati suspettati u tal-ħallelin armati lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom fi żmien għaxart ijiem minn meta l-EUNAVFOR tkun ġiet notifikata b'tali deċiżjoni;

— Kwalunkwe trasferiment ta' pirati suspettati jew ħallelin armati għandu kemm jista' jkun ikun konformi mal-*"Gwida għat-Trasferiment ta' pirati Suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekkwestrata lejn is-Seychelles"*;

— Il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jikkonferma wkoll li:

— Kwalunkwe persuna trasferita ser tkun trattata b'mod uman u mhux ser tkun soġġetta għal tortura jew għal trattament jew piena krudili, inumani jew degradanti, ser tirċievi akkomodazzjoni u ikel adegwati, ikollha aċċess għal kura medika u ser tkun tista' twettaq osservanza reliġjuża.

— Kwalunkwe persuna trasferita titressaq minnufih quddiem imħallef jew uffiċjal ieħor awtorizzat mil-liġi biex jeżerċita poter ġudizzjarju, li jiddeċiedi mingħajr dewmien dwar kemm hija legali d-detenzjoni tagħha u jordna ir-rilaxx tagħha jekk id-detenzjoni tkun illegali.

— Kwalunkwe persuna trasferita tkun intitolata għal proċess fi żmien raġonevoli jew għal rilaxx.

— Fid-determinazzjoni ta' kwalunkwe akkuża kriminali kontriha, kwalunkwe persuna trasferita tkun intitolata għal smigħ ġust u pubbliku minn tribunal kompetenti, indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi.

— Kwalunkwe persuna trasferita akkużata b'reat kriminali titqies innoċenti sakemm ma tiġix ipprovata ħatja skont il-liġi.

— Fid-determinazzjoni ta' kwalunkwe akkuża kriminali kontriha, kull persuna trasferita tkun intitolata għall-garanziji minimi li ġejjin, f'ugwaljanza sħiħa:

(1) li tkun informata minnufih u fid-dettall f'lingwa li tifhem, bin-natura tal-akkuża kontriha;

(2) li jkollha żmien u faċilitajiet adegwati għat-tħejjija tad-difiża tagħha u li tikkomunika ma avukat tal-għażla tagħha;

(3) li tiddefendi lilha nnifisha personalment u permezz ta' assistenza legali tal-għażla tagħha; li tkun informata, jekk ma jkollhiex assistenza legali, b'dan id-dritt; u li jkollha assistenza legali assenjata lilha, fi kwalunkwe każ fejn l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk, u mingħajr ħlas minnha fi kwalunkwe każ jekk ma jkollhiex mezzi suffiċjenti biex tħallas għaliha;

(4) li teżamina, jew tiġi eżaminata għaliha, l-evidenza kollha kontriha, inklużi affidavits ta' xhieda li wettqu l-arrest, u li tikseb l-attendenza u l-eżami ta' xhieda f'isimha taħt l-istess kondizzjonijiet bħal tax-xhieda kontriha;

(5) li jkollha assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma tkunx tifhem jew titkellem il-lingwa użata fil-qorti;

(6) li ma tkunx imġiegħla tixhed kontriha stess jew tammetti l-ħtija.

— Kwalunkwe persuna trasferita li tiġi kkundannata b'reat tkun permessa li jkollha d-dritt għal reviżjoni jew għal appell tal-kundanna u tas-sentenza tagħha minn tribunal ogħla skont il-liġi tas-Seychelles.

— Is-Seychelles mhux ser jittrasferixxi l-ebda persuna trasferita lejn xi Stat ieħor mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel mill-EUNAVFOR.

Dan l-arranġament ġie diskuss u maqbul mill-awtoritajiet tas-Seychelles. L-arranġamenti proposti b'dan jistgħu jidħlu fis-seħħ meta l-Unjoni Ewropea tindika l-qbil tagħha bil-miktub. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali jew ta' politika meħudin mid-delegazzjonijiet taż-żewġ partijiet fin-negozjati li għaddejjin.

Dejjem Tiegħek,

Is-Sur J. Morgan

IL-MINISTRU

President tal-Kumitat ta' Livell Għoli tal-Piraterija

B. *Ittra mill-Unjoni Ewropea*

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek datata d-29 ta' Settembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati mill-EUNAVFOR għar-Repubblika tas-Seychelles u għat-trattament tagħhom wara tali trasferiment, li taqra kif ġej:

"Qed issir referenza għas-sessjoni ta' ħidma li saret fis-Seychelles fit-18 u d-19 ta' Awwissu 2009 biex jiġu diskussi l-Ftehimiet tal-UE dwar il-Piraterija u s-Serq bl-Armi li kienet tinvolvi l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-UE, lill-membri tal-Kumitat ta' Livell Għoli tas-Seychelles u lil istituzzjonijiet oħra relatati u għall-ittra sussegwenti tagħna tal-21 ta' Awwissu 2009.

Matul is-sessjoni ta' ħidma, ġie ppreżentat it-tħassib tal-istituzzjonijiet relatati differenti dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati. Fil-prinċipju l-Gwida għat-Trasferiment ta' pirati Suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekkwestrata lejn is-Seychelles imħejjija mill-Avukat Ġenerali tar-Repubblika tas-Seychelles, li hi maħsuba biex ikun żgurat li kwalunkwe trasferiment ta' persuni suspettati b'atti ta' piraterija u serq bl-armi jsir skont il-liġijiet tas-Seychelles ġiet approvata. Inqabel ukoll li l-Arranġamenti Implimentattivi (li jiċċara l-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Trasferiment propost) seta' jsir qbil dwarhom wara li jkun iffinalizzat il-Ftehim ta' Trasferiment propost u li tithejja Gwida komuni dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekwestrata. Barra minn hekk, li r-Repubblika tas-Seychelles tingħata l-għajnuna meħtieġa għad-detenzjoni, iż-żamma, l-investigazzjoni, il-proċess ta' prosekuzzjoni u r-ripatrijazzjoni tal-pirati suspettati u l-ħallelin armati.

Wara s-sessjoni ta' ħidma u l-ittra tagħna, saru aktar diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Livell Għoli dwar it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati lejn it-territorju tar-Repubblika tas-Seychelles.

Il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jixtieq jieħu din l-opportunità biex iġedded l-assigurazzjoni tiegħu lill-UE tal-impenn tiegħu li jikkoopera bis-sħiħ, filwaqt li jqis il-kapaċitajiet tar-riżorsi u tal-infrastruttura disponibbli tiegħu, fit-trażżin tal-piraterija biex jiġi aċċettat it-trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati maqbudin.

Fl-istess waqt, il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jixtieq jesprimi x-xewqa tiegħu li l-UE SOFA jiġi ffirmat peress li qed ikomplu d-diskussjonijiet dwar il-Ftehim ta' Trasferiment tal-UE propost.

Fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin u sakemm jiġi konkluż arranġament reċiprokament aċċettabbli bejn l-UE u l-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles dwar it-trasferiment ta' pirati u ħallelin armati lejn it-territorju tiegħu, il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jista' jawtorizza lill-EUNAVFOR biex tittrasferixxi pirati suspettati u ħallelin armati maqbudin matul l-operazzjonijiet tagħha fiż-żona ekonomika esklussiva, fil-baħar territorjali, fl-ilmijiet arċipelaġiċi u fl-ilmijiet interni tar-Repubblika tas-Seychelles. Din l-awtorizzazzjoni hija estiża għall-protezzjoni ta' bastimenti bil-bandiera tas-Seychelles u ta' ċittadini tas-Seychelles fuq bastimenti bil-bandiera mhux tas-Seychelles lil hinn mil-limitu msemmi hawn fuq u f'ċirkostanzi oħra fl-ibħra miftuħin għad-diskrezzjoni tar-Repubblika tas-Seychelles;

Dejjem dment li

— L-UE, konxja mill-kapaċitajiet limitati tar-Repubblika tas-Seychelles biex taċċetta, tipproċessa, iżżomm arrestati u titfa' l-ħabs pirati u ħallelin armati u b'kont meħud tal-aċċettazzjoni mir-Repubblika tas-Seychelles tat-trasferiment ta' kwalunkwe pirata suspettat u ħalliel armat lejn it-territorju tagħha, għandha tagħti lir-Repubblika tas-Seychelles l-għajnuna kollha finanzjarja, ta' riżorsi umani, materjali, loġistika u infrastrutturali għad-detenzjoni, iż-żamma fil-ħabs, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, l-ipproċessar u r-ripatrijazzjoni ta' pirati suspettati jew ikkundannati u ta' ħallelin armati;

— L-Avukat Ġenerali għandu jkollu mill-inqas għaxart (10) ijiem mid-data tat-trasferiment tal- pirati suspettati jew tal-ħallelin armati biex jiddeċiedi dwar is-suffiċjenza tal-evidenza disponibbli fid-dawl tal-prosekuzzjoni;

— Fil-każ li l-Avukat Ġenerali jiddeċiedi li hemm evidenza insuffiċjenti għall-prosekuzzjoni, l-EUNAVFOR għandha tieħu r-responsabbiltà sħiħa, inklużi l-ispejjeż finanzjarji tat-trasferiment tal-pirati suspettati u tal-ħallelin armati lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom fi żmien għaxart ijiem minn meta l-EUNAVFOR tkun ġiet notifikata b'tali deċiżjoni;

— Kwalunkwe trasferiment ta' pirati suspettati u ħallelin armati għandu kemm jista' jkun ikun konformi mal-Gwida għat-Trasferiment ta' pirati Suspettati, ħallelin armati u proprjetà ssekkwestrata lejn is-Seychelles;

— Il-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles jikkonferma wkoll li:

  — Kwalunkwe persuna trasferita ser tkun trattata b'mod uman u mhux ser tkun soġġetta għal tortura jew għal trattament jew piena krudili, inumani jew degradanti, ser tirċievi akkomodazzjoni u ikel adegwati, ikollha aċċess għal kura medika u ser tkun tista' twettaq osservanza reliġjuża.

  — Kwalunkwe persuna trasferita titressaq fil-pront quddiem imħallef jew uffiċjal ieħor awtorizzat mil-liġi biex jeżerċita poter ġudizzjarju, li jiddeċiedi mingħajr dewmien dwar kemm hija legali d-detenzjoni tagħha u jordna ir-rilaxx tagħha jekk id-detenzjoni tkun illegali.

  — Kwalunkwe persuna trasferita tkun intitolata għal proċess fi żmien raġonevoli jew għal rilaxx.

  — Fid-determinazzjoni ta' kwalunkwe akkuża kriminali kontriha, kwalunkwe persuna trasferita tkun intitolata għal smigħ ġust u pubbliku minn tribunal kompetenti, indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi.

  — Kwalunkwe persuna trasferita akkużata b'reat kriminali titqies innoċenti sakemm ma tiġix ipprovata ħatja skont il-liġi.

  — Fid-determinazzjoni ta' kwalunkwe akkuża kriminali kontriha, kull persuna trasferita tkun intitolata għall-garanziji minimi li ġejjin, f'ugwaljanza sħiħa:

    (1) li tkun informata minnufih u fid-dettall f'lingwa li tifhem, bin-natura tal-akkuża kontriha;

    (2) li jkollha żmien u faċilitajiet adegwati għat-tħejjija tad-difiża tagħha u li tikkomunika ma avukat tal-għażla tagħha;

    (3) li tiddefendi lilha nnifisha personalment u permezz ta' għajnuna legali tal-għażla tagħha; li tkun informata, jekk ma jkollhiex assistenza legali, b'dan id-dritt; u li jkollha assistenza legali assenjata lilha, fi kwalunkwe każ fejn l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk, u mingħajr ħlas minnha fi kwalunkwe każ jekk ma jkollhiex mezzi suffiċjenti biex tħallas għaliha;

    (4) li teżamina, jew tiġi eżaminata għaliha, l-evidenza kollha kontriha, inklużi affidavits ta' xhieda li wettqu l-arrest, u li tikseb l-attendenza u l-eżami ta' xhieda f'isimha taħt l-istess kondizzjonijiet bħal tax-xhieda kontriha;

    (5) li jkollha assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma tkunx tifhem jew titkellem il-lingwa użata fil-qorti;

    (6) li ma tkunx imġiegħla tixhed kontriha stess jew tammetti l-ħtija.

  — Kwalunkwe persuna trasferita li tiġi kkundannata b'reat tkun permessa li jkollha d-dritt għal reviżjoni jew għal appell tal-kundanna u tas-sentenza tagħha minn tribunal ogħla skont il-liġi tas-Seychelles.

— Is-Seychelles mhux ser jittrasferixxi l-ebda persuna trasferita lejn xi Stat ieħor mingħajr il-kunsens bil-miktub minn qabel mill-EUNAVFOR.

Dan l-arranġament ġie diskuss u maqbul mill-awtoritajiet tas-Seychelles. L-arranġamenti proposti b'dan jistgħu jidħlu fis-seħħ meta l-Unjoni Ewropea tindika l-qbil tagħha bil-miktub. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali jew ta' politika meħudin mid-delegazzjonijiet taż-żewġ partijiet fin-negozjati li għaddejjin."

Għandi l-unur nikkonferma, f'isem l-Unjoni Ewropea, li l-kontenut tal-ittra tiegħek huwa aċċettabbli għall-Unjoni Ewropea. Dan l-Istrument ser jiġi applikat b'mod proviżorju mill-Unjoni Ewropea mid-data tal-iffirmar ta' din l-ittra u ser jidħol fis-seħħ definittivament ladarba l-Unjoni Ewropea tkun lestiet il-proċeduri interni tagħha għall-konklużjoni.

Fir-rigward tar-referenza fl-ittra tiegħek għall-konsiderazzjoni mill-Avukat Ġenerali tas-Seychelles tas-suffiċenza tal-evidenza disponibbli bil-ħsieb ta' prosekuzzjoni, l-Unjoni Ewropea tifhem illi inti ftiehmt li, ladarba l-EUNAVFOR ser tikkomunika f'kull każ l-evidenza kollha li jkollha disponibbli f'dak iż-żmien bħall-kotba tal-abbord, ritratti u vidjows, dan swer jippermetti lill-Avukat Ġenerali tas-Seychelles sabiex jieħu deċiżjoni dwar is-suffiċenza ta' din l-evidenza qabel ma jaċċetta t-trasferiment ta' pirati suspettati u ta' ħallelin armati.

Jien infakkar ukoll li, kif imsemmi fl-ittra tiegħek, dan l-Istrument ser japplika fuq bażi transitorja, sakemm jiġi konkluż ftehim ta' trasferiment reċiprokament aċċettabbli bejn l-UE u r-Repubblika tas-Seychelles dwar it-trasferiment ta' pirati u ħallelin armati lejn it-territorju tar-Repubblika tas-Seychelles.

Sinjur, jekk jogħġbok aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

*Għall-Unjoni Ewropea*

J. SOLANA MADARIAGA

**DIKJARAZZJONI MILL-UNJONI EWROPEA FL-OKKAŻJONI TAL-IFFIRMAR TAL-ISKAMBJU TA' ITTRI BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES DWAR IL-KONDIZZJONIJIET U L-MODALITAJIET GĦAT-TRASFERIMENT TA' PIRATI SUSPETTATI U ĦALLELIN ARMATI MILL-EUNAVFOR GĦAR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES U GĦAT-TRATTAMENT TAGĦHOM WARA TALI TRASFERIMENT**

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tinnota illi xejn fl-iskambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar il-kondizzjonijiet u l-modalitajiet għat-trasferiment ta' pirati ssuspettati u ta' ħallelin armati ma huwa intiż sabiex jidderoga, jew ma jista' jiġi meqjus bħala li jidderoga, minn kwalunkwe drittijiet illi persuna trasferita jista' jkollha taħt il-liġi domestika jew internazzjonali applikabbli.

2. L- UE tinnota li r-rappreżentanti tal-UE u tal-EUNAVFOR ser jingħataw aċċess għal kwalunkwe persuni trasferiti lejn ir-Repubblika tas-Seychelles (Seychelles) skont l-Iskambju ta' Ittri, sakemm tali persuni jinżammu fil-kustodja hemm, u li rappreżentanti tal-UE u tal-EUNAVFOR ser ikunu intitolati sabiex jinterrogawhom.

   Għal din il-fini, l-UE tinnota li ser jiġi mpoġġi għad-dispożizzjoni tar-rappreżentanti tal-UE u tal-EUNAVFOR rendikont preċiż tal-persuni trasferiti kollha, inklużi r-rekords ta' kwalunkwe proprjetà ssekwestrata, il-kondizzjoni fiżika tal-persuni, il-post tad-detenzjoni tagħhom, kwalunkwe akkużi kontrihom u kwalunkwe deċiżjonijiet sinifikanti meħudin matul il-prosekuzzjoni u l-proċess tagħhom.

   L-EUNAVFOR lesta li tipprovdi lis-Seychelles għajnuna f'waqtha permezz tal-attendenza ta' xhieda mill-EUNAVFOR u l-għoti ta' evidenza rilevanti. Għal din il-fini, is-Seychelles għandu jinnotifika lill-EUNAVFOR bl-intenzjoni tiegħu li jibda proċedimenti kriminali kontra kwalunkwe persuna trasferita u bl-iskeda għall-għoti u s-smigħ tal-evidenza.

   L-UE tinnota li, fuq it-talba tagħhom, aġenziji umanitarji nazzjonali u internazzjonali ser jitħallew ukoll iżuru lil persuni trasferiti taħt dan l-Iskambju ta' Ittri.

V

*(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)*

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1178/2009

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-2 ta' Diċembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kummissjoni, f'isem il-President,*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 36,8 |
| | MA | 37,2 |
| | MK | 52,7 |
| | TR | 64,3 |
| | ZZ | 47,8 |
| 0707 00 05 | MA | 59,4 |
| | TR | 129,9 |
| | ZZ | 94,7 |
| 0709 90 70 | MA | 35,6 |
| | TR | 127,6 |
| | ZZ | 81,6 |
| 0805 20 10 | MA | 65,9 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 49,3 |
| | HR | 58,2 |
| | MA | 63,0 |
| | TR | 77,5 |
| | ZZ | 62,0 |
| 0805 50 10 | AR | 64,7 |
| | MA | 61,1 |
| | TR | 68,1 |
| | ZZ | 64,6 |
| 0808 10 80 | AU | 142,2 |
| | CA | 70,1 |
| | CN | 108,9 |
| | MK | 20,3 |
| | US | 78,6 |
| | ZA | 106,5 |
| | ZZ | 87,8 |
| 0808 20 50 | CN | 81,9 |
| | TR | 91,0 |
| | US | 258,9 |
| | ZZ | 143,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (AFFARIJIET ĠENERALI)

## tal-1 ta’ Diċembru 2009

## li tistabbilixxi l-lista ta’ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b’żieda ma dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

(2009/878/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji, u b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji jipprevedi li sad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea rigward il-lista ta’ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, il-lista ta’ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill, barra minn dawk tal-Affarijiet Ġenerali u Affarijiet Barranin, għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, li jaġixxi b’maġġoranza sempliċi.

(2) Il-lista ta’ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill ġiet stabbilita mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta’ Lulju 2002, bħala parti mill-Anness I għar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kunsill u b’segwitu għal-lista li ġiet maqbula fil-Kunsill Ewropew li ltaqgħa f’Sevilja fil-21 u t-22 ta’ Ġunju 2002.

(3) Sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati, huwa xieraq li din il-lista tiġi addattata, u għandha tiddaħħal fir-Regoli ta’ Proċedura tal-Kunsill,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista ta’ konfigurazzjonijiet tal-Kunsill imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet transitorji hija mniżżla fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tiġi ppubblikata f’Il *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-1 ta’ Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

*ANNESS*

**LISTA TA' KONFIGURAZZJONIJIET TAL-KUNSILL**

1. Affarijiet ġenerali ([1]);
2. Affarijiet barranin ([2]);
3. Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji ([3]);
4. Ġustizzja u affarijiet interni ([4]);
5. Impjiegi, politika soċjali, saħħa u affarijiet tal-konsumatur;
6. Kompetittività (suq intern, industrija u riċerka) ([5]);
7. Trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija;
8. Agrikoltura u sajd;
9. Ambjent;
10. Edukazzjoni, żgħażagħ u kultura ([6]).

---

([1]) Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
([2]) Din il-konfigurazzjoni hija stabbilita bl-Artikolu 16(6), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
([3]) Inkluż il-baġit.
([4]) Inkluża l-protezzjoni ċivili.
([5]) Inkluż it-turiżmu.
([6]) Inklużi l-affarijiet awdjoviżwali.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li teleġġi lill-President tal-Kunsill Ewropew

(2009/879/UE)

Il-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi l-uffiċċju l-ġdid tal-President tal-Kunsill Ewropew.

(2) Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jiġi elett,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Herman VAN ROMPUY huwa b'dan elett President tal-Kunsill Ewropew għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2009 sal-31 ta' Mejju 2012.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sur Herman VAN ROMPUY mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

Hija għandha tiġi ppubblikata f'll-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

F. REINFELDT

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## meħuda bil-qbil tal-President tal-Kummissjonita 'li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

## (2009/880/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona jistitwixxi l-uffiċċju ġdid ta' Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

(2) Konformement mal-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 36) dwar dispożizzjonijiet transitorji u kif previst fid-Dikjarazzjoni (Nru 12) annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà maħtur matul il-mandat ta' Kummissjoni għandu jsir Membru tal-Kummissjoni għall-bqija tal-mandat tal-Kummissjoni.

(3) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jiġi maħtur,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Barunissa Catherine Margaret ASHTON OF UPHOLLAND hija b'dan maħtura Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2009 sat-tmiem tal-mandat kurrenti tal-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Barunissa Catherine Margaret ASHTON OF UPHOLLAND mill-President tal-Kunsill Ewropew.

Hija għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill

(2009/881/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 236(b) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Dikjarazzjoni (Nru 9) annessa għall-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona tipprevedi li l-Kunsill Ewropew jadotta, fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, id-Deċiżjoni li t-test tagħha jinsab fid-Dikjarazzjoni msemmija,

(2) Huwa għalhekk xieraq li din id-Deċiżjoni tiġi adottata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Presidenza tal-Kunsill, bl-eċċezzjoni tal-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Barranin, għandha tiġi eżerċitata minn gruppi prestabbiliti ta' tliet Stati Membri għal perijodu ta' 18-il xahar. Dawn il-gruppi għandhom ikunu ffurmati fuq bażi ta' rotazzjoni ndaqs bejn l-Istati Membri, li tieħu kont tad-diversità tagħhom u tal-bilanċ ġeografiku fi ħdan l-Unjoni.

2. Kull membru tal-grupp għandu jippresjedi f'rotazzjoni, għal perijodu ta' sitt xhur, il-presidenza tal-konfigurazzjonijiet kollha tal-Kunsill, minbarra l-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Barranin. Il-membri l-oħra tal-grupp għandhom jassistu lill-Presidenza fir-responsabbiltajiet tagħha kollha, abbażi ta' programm komuni. Il-Membri tal-grupp jistgħu jiddeċiedu dwar arranġamenti alternattivi bejniethom.

*Artikolu 2*

Il-presidenza tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandha tiġi eżerċitata minn rappreżentant tal-Istat Membru li jeżerċita l-presidenza tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali.

Il-presidenza tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà għandha tiġi eżerċitata minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Il-presidenza tal-korpi preparatorji tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill, minbarra l-konfigurazzjoni tal-Affarijiet Barranin, għandha taqa' fuq il-membru tal-grupp li jeżerċita l-presidenza tal-konfigurazzjoni rilevanti, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 4.

*Artikolu 3*

Il-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, bil-kooperazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jassigura l-koerenza u l-kontinwità fix-xogħol tal-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill fil-qafas ta' programmazzjoni pluriennali. L-Istati Membri li jeżerċitaw il-Presidenza għandhom jieħdu, bl-assistenza tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, il-miżuri kollha meħtieġa għall-organizzazzjoni u l-iżvolġiment mingħajr xkiel tal-ħidma tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

## tal-1 ta' Diċembru 2009

## li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

(2009/882/UE)

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235(3) tiegħu

Billi:

(1) It-Trattat ta' Lisbona jittrasforma l-Kunsill Ewropew f'istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea,

(2) Għaldaqstant il-Kunsill Ewropew għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

(3) Sabiex l-adozzjoni tagħhom tkun tista' ssir immedjatament mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi prevista l-possibbiltà għall-Kunsill Ewropew li jagħmel użu mill-proċedura bil-miktub prevista fl-Artikolu 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu għall-adozzjoni tal-imsemmijin Regoli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kunsill Ewropew b'dan jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidhru fl-Anness.

2. Għall-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kunsill Ewropew jista' jagħmel użu mill-proċedura bil-miktub prevista fl-Artikolu 7 tal-imsemmijin Regoli ta' Proċedura.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, fl-1 ta' Diċembru 2009.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

H. VAN ROMPUY

*ANNESS*

## REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL EWROPEW

*Artikolu 1*

### Avviż ta' sejħa u post tal-laqgħat

1. Il-Kunsill Ewropew għandu jiltaqa' darbtejn kull sitt xhur, fuq sejħa mill-President tiegħu ([1]).

Mhux aktar tard minn sena qabel il-bidu ta' perijodu ta' sitt xhur, u f'koperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru li jkollu l-Presidenza matul dak il-perijodu ta' sitt xhur, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jinforma liema jkunu d-dati li huwa jipprevedi għal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew matul dak il-perijodu ta' sitt xhur.

Meta s-sitwazzjoni tkun teħtieġ, il-President għandu jsejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew ([2]).

2. Il-Kunsill Ewropew għandu jiltaqa' fi Brussell.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-President tal-Kunsill Ewropew, bil-qbil tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali jew tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, filwaqt li jaġixxu unanimament, jista' jiddeċiedi li laqgħa tal-Kunsill Ewropew issir x'imkien ieħor.

*Artikolu 2*

### Tħejjija u segwitu tal-ħidma tal-Kunsill Ewropew

1. Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jiżgura t-tħejjija u l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill Ewropew f'koperazzjoni mal-President tal-Kummissjoni, u abbażi tal-ħidma tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali ([3]);

2. Il-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali għandu jħejji l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u jiżgura s-segwitu tagħhom flimkien mal-President tal-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni ([4]).

3. Il-President għandu jistabbilixxi koperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill u l-President tal-Kummissjoni, partikolarment permezz ta' laqgħat regolari.

4. F'każ ta' impediment minħabba mard, mewt jew fil-każ li l-mandat tiegħu jintemm f'konformità mal-Artikolu 15(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jkun sostitwit, jekk ikun il-każ, sal-elezzjoni tas-suċċessur tiegħu, mill-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill.

*Artikolu 3*

### Aġenda u tħejjija

1. Għall-finijiet tat-tħejjija prevista fl-Artikolu 2(2), mill-anqas erba' ġimgħat qabel kull laqgħa ordinarja tal-Kunsill Ewropew prevista fl-Artikolu 1(1), il-President tiegħu, f'koperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta lill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali abbozz ta' aġenda annotata.

Il-kontributi minn konfigurazzjonijiet oħrajn tal-Kunsill għall-ħidma tal-Kunsill Ewropew għandhom jintbagħtu lill-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

Il-President tal-Kunsill Ewropew, f'koperazzjoni mill-qrib kif previst fl-ewwel subparagrafu, għandu jħejji abbozz ta' linji gwida għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u, skont il-każ, l-abbozzi ta' konklużjonijiet u l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew, li għandhom ikunu diskussi fil-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali.

([1]) Dan is-subparagrafu jirriproduċi l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TUE").
([2]) Dan is-subparagrafu jirriproduċi l-aħħar sentenza tal-Artikolu 15(3) tat-TUE.
([3]) Dan il-paragrafu jirriproduċi l-Artikolu 15(6)(b) tat-TUE.
([4]) Dan il-paragrafu jirriproduċi t-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 16(6) tat-TUE.

L-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali għandha ssir fil-ħamest ijiem li jippreċedu l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew. Fid-dawl ta' dan l-aħħar dibattitu, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jistabbilixxi l-aġenda provviżorja.

2. Ħlief għal raġunijiet urġenti u imprevedibbli relatati, pereżempju, ma' ġrajjiet kurrenti internazzjonali, l-ebda konfigurazzjoni oħra jew korp preparatorju ieħor tal-Kunsill ma jistgħu jiddiskutu suġġett ippreżentat lill-Kunsill Ewropew bejn il-laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, li fi tmiemha tkun stabbilita l-aġenda provviżorja tal-Kunsill Ewropew u l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew.

3. Il-Kunsill Ewropew għandu jadotta l-aġenda tiegħu fil-bidu tal-laqgħa tiegħu.

Bħala regola ġenerali, il-punti fuq l-aġenda għandhom jiġu eżaminati qabel, konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

**Kompożizzjoni tal-Kunsill Ewropew, delegazzjonijiet u żvolġiment tal-ħidma**

1. Kull laqgħa ordinarja tal-Kunsill Ewropew għandha ssir matul massimu ta' jumejn, ħlief f'każ ta' deċiżjoni differenti tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali, fuq l-inizjattiva tal-President tal-Kunsill Ewropew.

Il-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill għandu jagħti rendikont lill-Kunsill Ewropew, f'konsultazzjoni mal-President tiegħu, dwar il-ħidma tal-Kunsill.

2. Il-President tal-Parlament Ewropew jista' jiġi mistieden jinstema' mill-Kunsill Ewropew ([1]). Dan l-iskambju ta' fehmiet għandu jsir fil-bidu tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, sakemm il-Kunsill Ewropew ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

Laqgħat fil-marġni tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew mar-rappreżentanti ta' Stati terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jew personalitajiet oħrajn jistgħu jsiru biss eċċezzjonalment u wara qbil minn qabel tal-Kunsill Ewropew li jaġixxi b'unanimità, fuq l-inizjattiva tal-President tal-Kunsill Ewropew.

3. Il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew m'għandhomx ikunu pubbliċi.

4. Il-Kunsill Ewropew għandu jikkonsisti mill-Kapijiet tal-Istat jew tal-Gvern tal-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u mal-President tal-Kummissjoni. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jipparteċipa fil-ħidma tiegħu ([2]).

Meta jkun meħtieġ skont l-aġenda, il-membri tal-Kunsill Ewropew jistgħu jiddeċiedu li kull wieħed ikun assistit minn Ministru u, fil-każ tal-President tal-Kummissjoni, minn membru tal-Kummissjoni ([3]).

Id-daqs totali tad-delegazzjonijiet awtorizzati li jaċċedu għall-bini jew il-post tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew għandu jkun limitat għal 20 persuna għal kull Stat Membru jew għall-Kummissjoni u għal ħamsa għar-Rappreżentant Għoli u dan l-għadd ma jinkludix il-persunal tekniku responsabbli minn kompiti speċifiċi ta' sigurtà jew ta' appoġġ loġistiku. L-ismijiet u l-funzjonijiet tal-membri tad-delegazzjonijiet għandhom ikunu notifikati bil-quddiem lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Il-President għandu jkun responsabbli mill-applikazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura u għandu jiżgura l-iżvolġiment mingħajr xkiel tal-ħidma.

*Artikolu 5*

**Rappreżentanza quddiem il-Parlament Ewropew**

Il-Kunsill Ewropew għandu jkun irrappreżentat quddiem il-Parlament Ewropew mill-President tal-Kunsill Ewropew.

Il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew wara kull laqgħa tal-Kunsill Ewropew ([4]).

Il-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew il-prijoritajiet tal-Presidenza tiegħu u r-riżultati miksuba matul il-perijodu tiegħu ta' sitt xhur.

([1]) Din is-sentenza tirriproduċi l-Artikolu 235(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE").
([2]) Dan is-subparagrafu jirriproduċi l-Artikolu 15(2) tat-TUE.
([3]) Din is-subparagrafu jirriproduċi t-tieni sentenza tal-Artikolu 15(3) tat-TUE.
([4]) Jirriproduċi l-Artikolu 15(6)(d) tat-TUE.

*Artikolu 6*

**Teħid ta' pożizzjonijiet, deċiżjonijiet u kworum**

1. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom jittieħdu b'konsensus, ħlief fejn it-Trattati jipprevedu mod ieħor ([1]).

2. Fil-każ fejn, konformement mat-Trattati, il-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni u jipproċedi għal votazzjoni, dik il-votazzjoni għandha ssir fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu.

Barra minn hekk, il-President huwa mistenni li jiftaħ proċedura ta' votazzjoni fuq l-inizjattiva ta' membru tal-Kunsill Ewropew, sakemm il-maġġoranza tal-membri tiegħu hekk tiddeċiedi.

3. Il-preżenza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kunsill Ewropew hija rekwiżit sabiex il-Kunsill Ewropew ikun jista' jivvota. Meta jittieħed il-vot, il-President għandu jivverifika li l-kworum ikun intlaħaq. Il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni ma jingħaddux għall-kworum.

4. Meta jittieħed vot, kull membru tal-Kunsill Ewropew jista' jaġixxi f'isem membru ieħor biss ([2]).

Meta l-Kunsill Ewropew jiddeċiedi permezz ta' vot, il-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni m'għandhomx jieħdu sehem fil-votazzjoni ([3]).

5. Il-Kunsill Ewropew għandu jaġixxi b'maġġoranza sempliċi għal deċiżjonijiet proċedurali adottati minnu taħt dawn ir-Regoli ta' Proċedura ([4]).

*Artikolu 7*

**Proċedura bil-miktub**

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar xi kwistjoni urġenti jistgħu jiġu adottati b'votazzjoni bil-miktub meta l-President tal-Kunsill Ewropew jipproponi l-użu ta' dik il-proċedura. Il-proċedura tal-votazzjoni bil-miktub tista' tintuża meta l-membri kollha tal-Kunsill Ewropew li jkollhom id-dritt tal-vot jaċċettaw dik il-proċedura.

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi perjodikament sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub.

*Artikolu 8*

**Minuti**

Għal kull laqgħa għandhom jitfasslu l-minuti, li l-abbozz tagħhom għandu jitħejja mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill fi żmien ħmistax-il jum. Dan l-abbozz għandu jkun ippreżentat għall-approvazzjoni lill-Kunsill Ewropew, imbagħad iffirmat mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

Il-minuti għandhom jinkludu:

— referenza għad-dokumenti ppreżentati lill-Kunsill Ewropew;

— ir-referenza għall-konklużjonijiet approvati;

— id-deċiżjonijiet meħudin;

— id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Kunsill Ewropew u dawk li l-inklużjoni tagħhom tkun intalbet minn membru tal-Kunsill Ewropew

*Artikolu 9*

**Deliberazzjonijiet u deċiżjonijiet abbażi ta' dokumenti u abbozzi stabbiliti fil-lingwi previsti mir-regoli fis-seħħ dwar il-lingwi**

1. Ħlief fejn il-Kunsill Ewropew, b'mod unanimu u minħabba raġunijiet ta' urġenza, jiddeċiedi mod ieħor, il-Kunsill Ewropew għandu jiddelibera u jieħu deċiżjonijiet biss abbażi ta' dokumenti u abbozzi mfassla fil-lingwi previsti mir-regoli fis-seħħ dwar il-lingwi.

2. Kull membru tal-Kunsill Ewropew jista' jopponi deliberazzjoni jekk it-test tal-emendi eventwali ma jkunx imfassal f'waħda mil-lingwi msemmija fil-paragrafu 1 li huwa jispeċifika.

---

([1]) Dan il-paragrafu jirriproduċi l-Artikolu 15(4) tat-TUE.
([2]) Dan is-subparagrafu jirriproduċi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 235(1) tat-TFUE.
([3]) Dan is-subparagrafu jirriproduċi it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 235(1) tat-TFUE.
([4]) Dan il-paragrafu jirrepeti r-regoli msemmija fl-Artikolu 235(3) tat-TFUE.

*Artikolu 10*

**Tagħrif pubbliku dwar votazzjonijiet, spjegazzjonijiet tal-voti u minuti u aċċess għal dokumenti**

1. Fil-każ li, f'konformità mat-Trattati, il-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni, il-Kunsill Ewropew jista' jiddeċiedi, skont ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli għall-adozzjoni tad-deċiżjoni msemmija, li jippubblika r-riżultati tal-voti, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet inklużi fil-minuti tiegħu u l-punti ta' dawn il-minuti li jkunu relatati mal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

   Meta r-riżultati tal-votazzjoni jkunu ppubblikati, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni li jkunu saru meta jittieħed il-vot għandhom, fuq talba tal-membru kkonċernat tal-Kunsill Ewropew, ikunu ppubblikati fir-rispett ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, taċ-ċertezza legali u tal-interessi tal-Kunsill Ewropew.

2. Id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess lill-pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill li jinsabu fl-Anness II tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill għandhom japplikaw mutatis mutandis għad-dokumenti tal-Kunsill Ewropew.

*Artikolu 11*

**Sigriet professjonali u produzzjoni ta' dokumenti fi proċedimenti legali**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess lill-pubbliku għal dokumenti, id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew għandhom ikunu koperti mis-sigriet professjonali, ħlief jekk il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi mod ieħor.

Il-Kunsill Ewropew jista' jawtorizza l-produzzjoni għal użu fi proċedimenti legali ta' kopja ta' jew estratt minn dokumenti tal-Kunsill Ewropew li ma jkunux għadhom ġew rilaxxati lill-pubbliku taħt l-Artikolu 10.

*Artikolu 12*

**Deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew**

1. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew għandhom ikunu ffirmati mill-President tiegħu u mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill. Jekk ma jkunux jindikaw lil min ikunu indirizzati, huma għandhom ikunu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Meta jindikaw lil min ikunu indirizzati, dan għandu jiġi notifikat bihom mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill.

2. Id-dispożizzjonijiet dwar il-forma tal-atti li jinsabu fl-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill huma applikabbli *mutatis mutandis* għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew.

*Artikolu 13*

**Segretarjat, baġit u sigurt**

1. Il-Kunsill Ewropew u l-President tiegħu għandhom ikunu megħjuna mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, taħt l-awtorità tas-Segretarju Ġenerali tiegħu.

2. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jassisti fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew. Huwa għandu jieħu kwalunkwe miżura meħtieġa għall-organizzazzjoni tal-ħidma.

3. Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għandu responsabbiltà sħiħa għall-amministrazzjoni tal-approprjazzjonijiet inklużi fit-Taqsima II – Kunsill Ewropew u Kunsill – tal-baġit u għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura li jkunu amministrati tajjeb. Huwa għandu jimplimenta dawn l-approprjazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-Unjoni.

4. Ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-Kunsill Ewropew.

*Artikolu 14*

**Korrispondenza indirizzata lill-Kunsill Ewropew**

Il-korrispondenza indirizzata lill-Kunsill Ewropew għandha tintbagħat lill-President fl-indirizz li ġej:

Conseil européen
Rue de la Loi 175
B-1048 Bruxelles

V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2009 tal-1 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..................... 44

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM MHIJIEX OBBLIGATORJA

2009/878/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tal-1 ta' Diċembru 2009 li tistabbilixxi l-lista ta' konfigurazzjonijiet tal-Kunsill b'żieda ma dawk imsemmija fit-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 16(6) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea** ............................................. 46

2009/879/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2009 li teleġġi lill-President tal-Kunsill Ewropew** ............................................................................ 48

2009/880/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2009 meħuda bil-qbil tal-President tal-Kummissjonita 'li taħtar ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà** ............................................................................ 49

2009/881/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2009 dwar l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill** ............................................................................ 50

2009/882/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu** 51

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena<br>(= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT